

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI

# OMBUDSPLAN 2015

OMBUDSMAN

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI

# OMBUDSPLAN

# 2015

Pubblikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman
Awwissu 2014

Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210
Tel: 2248 3210
*Email*: office@ombudsman.org.mt

# Werrej


## Ombudsplan 2015

## Daħla....3

## Relazzjonijiet eqreb....6

## Mal-Parlament....7

L-esperjenza f'dawn l-aħħar snin....8
Sinerġija bejn l-Ombudsman u l-Parlament....9
Ftit eżempji....11
Relazzjoni bejn l-Eżekuttiv u l-Parlament....14
Trasparenza u kontabilità....15

## Mal-Eżekuttiv....16

## Man-nies....19

*Case Load*....21
Il-Kummissarji....22
Bordijiet Interni....23
Rapporti fuq inizjattiva proprja....25
Użu akbar tal-lingwa Maltija....26
Użu tas-*Social Media*....27
Kuntatt dirett mal-pubbliku....28

## Inizjattivi oħra....29

## Nota tal-aħħar....31

## It-tisħiħ tal-Operat Amministrattiv

It-tisħiħ fl-Operat Amministrattiv....34
Ir-Ristrutturar - Proċessi Amministrattivi....35
Ir-Ristrutturar - Riċerka u Kommunikazzjoni....37
Ċart Organizzattiva....38

## Rendikont Finanzjarju 2014/2015

Tagħrif fil-qosor dwar l-andament għas-sena 2014....40
Tagħrif ieħor relatat man-nefqa għas-sena 2014....41
Tagħrif dwar il-finanzi....42

## L-Iżvilupp Strutturali

L-Iżvilupp Strutturali....44

L-Andament tal-Proġett....45

## Statistika 2013/2014

Modi differenti ta' kif il-pubbliku jista' jressaq ilment....48
Tabella 1 - Statistika ta' ilmenti ġodda, li ngħalqu u pendenti....48
Tabella 2 - Statistika ta' assistenza li ngħatat lill-pubbliku....49
Tabella 3 - Klassifika ta' ilmenti ġodda....52
Tabella 4 - Klassifika ta' każijiet magħluqa....55
Tabella 5 - Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa....58

# Daħla

Fid-dibattitu f'dan il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li jsir kull sena biex jiddiskuti l-Ombudsplan ippreżentat mill-Ombudsman Parlamentari, saret prattika li l-Ombudsman jagħmel referenza għal xi punti ta' importanza li jkunu interessawh fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, u li jkunu ta' interess pubbliku u rilevanti għat-tisħiħ ta' xi aspett tad-dritt fundamentali tal-individwu għall-amministrazzjoni pubblika tajba.

Din il-prattika evolviet minħabba l-fatt illi d-dibattitu għall-approvazzjoni tal-Ombudsplan, hu sa llum l-unika okkażjoni biex isir skambju ta' ideat bejn il-Membri Parlamentari u l-Ombudsman. Fil-fehma tal-Ombudsman, hemm lok biex jiġu esplorati metodi oħra ta' kuntatt bejn l-Ombudsman u r-rappreżentanti tal-poplu li permezz tagħhom ikun jista' minn żmien għal żmien, iressaq għall-kunsiderazzjoni tagħhom materji li jippreokuppawh jew li fil-fehma tiegħu jeħtieġ li jiġu indirizzati għall-ġid komuni.

Fl-għeluq tal-ħamsin sena mill-kisba tal-indipendenza li fetħet it-triq għall-Kostituzzjoni Repubblikana u meta l-pajjiż mhux biss akkwista stabbilità soċjali u ekonomika imma ukoll livell tajjeb ta' żvilupp demokratiku, jidher li l-partijiet soċjali qed jistaqsu jekk wasalx iż-żmien li ssir analiżi fil-fond ta' kif is-soċjetà tixtieq li l-aħjar tiggverna ruħha. X'inhuma l-valuri li għandhom jispiraw il-mod kif għandha titmexxa l-amministrazzjoni pubblika u x'għandhom ikunu r-relazzjonijiet bejn id-diversi poteri tal-Istat kif ukoll ħwejjeġ oħra li jolqtu s-sisien ta' ħajja demokratika fil-pajjiż. Dan hu dibattitu li qed isir u jeħtieġ li jsir anki fid-dawl tal-intenzjoni dikjarata tal-Gvern li jemenda l-karta kostituzzjonali.

L-Ombudsman qed jieħu l-opportunità li jagħti kontribut żgħir f'dan ir-rigward bi ftit riflessjonijiet relevanti għad-dritt fundamentali taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni pubblika tajba fil-kuntest tal-lum. Dawn il-ħsibijiet huma suġġeriti mill-esperjenza tal-Uffiċċju tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll ix-xogħol li qed jipprospetta li jwettaq fis-sena li ġejja, li fiha l-Uffiċċju jagħlaq għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu.

*"Il-ħsibijiet f'dan id-dokument ġejjin mill-esperjenza tal-Uffiċċju tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll ix-xogħol li qed jipprospetta li jwettaq fis-sena li ġejja, li fiha l-Uffiċċju jagħlaq għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu."*

# Relazzjonijiet eqreb...

## ...mal-Parlament
## ...mal-Eżekuttiv

# Relazzjonijiet eqreb...

Fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra ingħad illi l-Uffiċċju tal-Ombudsman min-natura tiegħu stess hu wieħed li jaħdem man-nies, għan-nies u qalb in-nies. Bilfors allura b'ħidmietu jħoss l-effetti tat-tibdil fis-soċjetà madwaru u jeħtieġlu jadatta l-istrutturi interni tiegħu biex jilqa' għal dan it-tibdil.

F'dik is-sena t-tibdil li kien qiegħed isir kien essenzjalment wieħed politiku bi Gvern ġdid li jieħu f'idejh l-amministrazzjoni pubblika wara Gvern ieħor li kien ilu fis-setgħa għal diversi leġislaturi. Illum wara aktar minn sena minn mindu saret il-bidla, meta wieħed iqis li ż-żmien ta' transizzjoni għadda u l-amministrazzjoni ġdida ikkonsolidat il-qabda tagħha fuq ir-riedni tal-Gvern u bdiet twettaq il-politika tagħha, wieħed hu aktar f'qagħda li sewwa japprezza l-istil u l-kwalità tat-tmexxija u kif dawn iħallu impatt fuq iċ-ċittadin. L-Ombudsman jeħtieġlu jagħmel dan l-apprezzament b'mod oġġettiv u spassjonat biex ikun jista' jifhem tajjeb id-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika li jagħtu lok għall-ilmenti taċ-ċittadin li hu fid-dover li jinvestiga.

*"B'ħidmietu, l-Ombudsman iħoss l-effetti tat-tibdil fis-soċjetà madwaru u jeħtieġlu jadatta l-istrutturi interni tiegħu biex jilqa' għal dan it-tibdil."*

# ...mal-Parlament

Amministrazzjoni ġdida, żagħżugħa fiż-żmien u dinamika, inevitabbilment tfittex li tintroduċi proċeduri u prattiċi ġodda, biex twettaq il-politika tagħha skont il-mandat elettorali li għandha. Ġustament ikollha entużjażmu biex taġixxi b'ħeffa biex tbiddel dak li fil-fehma tagħha għandu jinbidel għall-ġid komuni. Dan tagħmlu mhux biss billi tipproponi lill-Parlament leġislazzjoni f'waqtha imma ukoll bl-eżerċizzju tal-poteri amministrattivi lilha konferiti mill-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż. L-eżerċizzju ta' dawn il-poteri, illi f'soċjetà moderna u demokratika huma mill-aktar wiesgħa u jirregolaw tista' tgħid l-aspetti kollha tal-ħajja ċivili, huma l-qofol tal-funzjoni tal-Eżekuttiv.

Jeħtieġ għalhekk li tittieħed kura u attenzjoni biex jiġi assigurat li kull azzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika tkun skrupolożament sanzjonata mil-liġijiet u regolamenti applikabbli u tkun ukoll fil-limiti tad-diskrezzjoni li dawn il-liġijiet u regolamenti jagħtu lill-Awtorità li teżerċita l-poter. L-ebda Awtorità m'għandha dritt li taġixxi lill hinn mil-limiti imposti fil-liġijiet u r-regolamenti li jibqgħu japplikaw u jseħħu sakemm ma jiġux mibdula skont kif tipprovdi l-Kostituzzjoni. Din hi l-essenza tas-saltna tad-dritt li lkoll nipprofessaw li nemmnu fiha u nħaddnu. Il-prinċipju *chi bolla, sbolla* ma japplikax f'dan il-qasam tad-dritt amministrattiv.

L-Ombudsman Parlamentari hu iggwidat b'dan il-prinċipju bażilari fl-eżerċizzju tal-funzjoni prinċipali tiegħu li jiggarantixxi liċ-ċittadin id-dritt fundamentali tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba. Kull min jagħmel ilment mal-Ombudsman jallega li ġie milqut ħażin minn att amministrattiv li sar fil-konfront tiegħu, jew bl-applikazzjoni ħażina tal-liġijiet u regolamenti jew bl-eżerċizzju żbaljat ta' diskrezzjoni amministrattiva.

L-Ombudsman jeħtieġlu jinvestiga l-ilment u jistabbilixxi jekk kinitx ġustifikata l-allegazzjoni li l-azzjoni amministrattiva kienet illegali jew ħolqot inġustizzja jew diskriminazzjoni improprja. Hekk ukoll jagħmel l-Ombudsman meta jikkonduċi investigazzjoni fuq inizjattiva proprja fuq xi aspett rilevanti tal-Amministrazzjoni Pubblika li jolqot mill-qrib lil xi firxa wiesa tas-soċjetà.

*"L-Ombudsman jiggarantixxi liċ-ċittadin id-dritt fundamentali tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba."*

# L-esperjenza f'dawn l-aħħar snin

Hi l-esperjenza ta' dan l-Uffiċċju f'dawn l-aħħar snin li l-investigazzjoni tal-parti l-kbira tal-ilmenti ssir bl-applikazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u *policies*, li japplikaw għall-aġir amministrattiv li ta lok għall-ilment, li huma ċari u univoċi waqt li l-limiti ta' diskrezzjoni li jkollha l-Awtorità li ħadet l-azzjoni huma ben definiti. F'dawn il-każijiet l-Ombudsman jista' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu u jasal għall-Opinjoni Finali serenament għaliex hu konfortat biċ-ċertezza tal-istat tad-dritt li jorbot kemm il-*complainant* kif ukoll lill-Awtorità.

Hemm però numru ta' każijiet oħra fejn l-Ombudsman ikun rinfaċċat waqt l-investigazzjoni tiegħu, b'liġijiet, regolamenti u *policies* li jew ma jkunux jipprovdu għall-fatti taħt eżami jew jagħtu lok għal interpretazzjonijiet kontrastanti. F'każijiet oħra l-parametri ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Awtorità hi tant wiesa li ma tippermetti l-ebda linji gwida li bihom l-Ombudsman jista' jqis jekk l-azzjoni amministrattiva kinitx *intra vires* jew le, u jekk kinitx ġusta jew le.

F'dawn il-każijiet l-Ombudsman ikun jeħtieġlu illi, kif għandu kull dritt li jagħmel bil-liġi, jibbaża l-Opinjoni Finali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fuq interpretazzjoni li huwa jagħti tal-liġijiet, regolamenti u *policies* applikabbli fuq bażi ta' ġustizzja u ekwità kif ukoll jistabbilixxi l-limiti ta' diskrezzjoni li, fil-fehma tiegħu, għandha l-Awtorità fil-każ taħt eżami. Meta jiġri hekk hu possibbli li jkun hemm kuntrast bejn l-Ombudsman u l-Awtorità pubblika li tista' ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija jew mal-estensjoni tad-diskrezzjoni determinata mill-Ombudsman.

F'dawn il-każijiet m'hemmx dubju li l-aħħar kelma trid tkun tal-Qrati għaliex huma dawn li għandhom finalment il-funzjoni li jistabbilixxu b'ċertezza x'inhi s-saltna tad-dritt.

*"Meta jkun hemm kuntrast bejn l-Ombudsman u l-Awtorità pubblika li tista' ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija, l-aħħar kelma trid tkun tal-Qrati għaliex huma dawn li għandhom finalment il-funzjoni li jistabbilixxu b'ċertezza x'inhi s-saltna tad-dritt."*

# Sinerġija bejn l-Ombudsman u l-Parlament

Mill-banda l-oħra, waqt li huma l-Qrati li għandhom il-funzjoni li jinterpretaw il-liġijiet u r-regolamenti u li japplikawhom, huwa l-Parlament li għandu l-funzjoni u d-dover li jassigura li l-leġislazzjoni u r-regolamenti ikunu ċari u kemm jista' jkun univoċi biex ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod uniformi ma' kulħadd l-istess.

Hu f'dan ir-rigward illi l-Ombudsman iqis li hemm lok li jiġi studjat il-ħolqien ta' mekkaniżmu li joħloq sinerġija bejnu u bejn il-Parlament li permezz tiegħu jkun jista' jġib għall-attenzjoni tal-Kamra kwistjonijiet serji li jkunu qed joħolqu kuntrast bejnu u bejn l-Amministrazzjoni jew li jkunu punti ta' kontroversja fil-pajjiż dwar x'għandha tkun l-amministrazzjoni pubblika tajba jew dwar kif għandhom jiġu indirizzati u definiti punti ta' dritt amministrattiv li jirregolaw aspetti fundamentali tal-Amministrazzjoni Pubblika.

Kwistjonijiet bħal dawn spiss jinċidu fuq il-grad ta' trasparenza u kontabilità li l-Amministrazzjoni Pubblika hi marbuta li tosserva u twettaq.

## Nuqqas ta' qbil dwar l-Armata

Eżempju klassiku ta' sitwazzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ombudsman kien dak dwar l-investigazzjoni tal-ilmenti minn uffiċjali tal-Armata dwar ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni. Dan id-diżgwid kien messu qatt ma nqala' u ċertament mhux bil-mod kif inqala'. Il-proċedura li tirregola kif għandhom isiru dawn l-ilmenti u jiġu investigati u allura kif kellha tiġi eżerċitata l-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman, kienet ġiet maqbula fi żmien l-Amministrazzjoni preċedenti f'negozjati fl-għola livell.

Kienet proċedura li l-Armata kienet mhux biss taf biha u qablet magħha imma kienet konxja tal-fatt li dak il-ftehim, kif espress fil-General Order, kien ġie esegwit u applikat meta l-Ombudsman investiga numru ta' ilmenti ta' uffiċjali u għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Dawn ġew ikkunsidrati u applikati kemm minn l-Amministrazzjoni preċedenti u kemm, f'żewġ każijiet minnhom, minn dik preżenti.

Din l-amministrazzjoni għandha kull dritt ma taqbilx mal-ftehim li kien ġie milħuq. Tista' ukoll issostni fehma differenti dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet applikabbli għal dawn l-ilmenti. Naturalment tista' ukoll temenda dawn il-liġijiet fil-Parlament. Iżda sakemm ir-regolamenti u l-liġijiet ma jinbidlux l-Armata hi obbligata li tosservahom. Mill-banda l-oħra, anke l-Ombudsman ikun obbligat li josserva r-regolamenti u l-liġijiet jekk jiġu emendati, anki jekk ma jistax jaċċetta bħala ġusti, emendi jew interpretazzjonijiet li effettivament iċaħħdu lill-uffiċjali mill-jedd li illum għandhom bl-Att XXI tal-1995, li jirrikorru għall-protezzjoni tal-Ombudsman.

Żgur però li l-għaqal kien jissuġġerixxi li qabel tittieħed deċiżjoni biex jiġi skartat ftehim ta' din ix-xorta li wassal għall-*General Order,* l-Ombudsman kellu jiġi informat u issir konsultazzjoni miegħu u ma' kull min kien parti f'dak il-ftehim. Dan mhux biss bħala

att ta' kortesija imma ukoll għax il-prinċipji ta' amministrazzjoni pubblika tajba hekk jirrikjedu. L-uniku mod kif is-sitwazzjoni sfortunata li nħolqot setgħet tiġi riżolta kien jew billi jkun hemm diskussjonijiet mal-awtoritajiet jew, jekk dawn ifallu, billi tintalab deċiżjoni mill-Qrati dwar jekk l-Ombudsman kellux jew le ġurisdizzjoni taħt il-liġijiet viġenti biex jinvestiga dawn l-ilmenti. Proċedura din prevista mill-Att dwar l-Ombudsman li però tista' serjament tippreġudika l-jedd ta' dawn l-uffiċjali li jirrikorru għand l-Ombudsman għaliex proċeduri ġudizzjarji ta' din ix-xorta jistgħu jieħdu żmien twil biex jiġu deċiżi.

L-Ombudsman qiegħed għalhekk jikkunsidra hux il-każ illi meta jqumu kwistjonijiet ta' prinċipji bħal dawn, li dwarhom ikun hemm diżgwid bejnu u bejn l-Amministrazzjoni Pubblika, ikun hemm mekkaniżmu li jippermetti li dawn il-kwistjonijiet jiġu riferuti lill-Kamra tad-Deputati jew il-Kumitati tagħha. Dan biex preventivament jiġi diskuss x'inhi l-interpretazzjoni ġusta tal-liġijiet u regolamenti applikabbli għall-ilmenti. B'hekk ikun jista' jiġi evitat ir-rikors għall-Qrati.

*"L-Ombudsman iqis li hemm lok li jiġi studjat il-ħolqien ta' mekkaniżmu li joħloq sinerġija bejnu u bejn il-Parlament li permezz tiegħu jkun jista' jġib għall-attenzjoni tal-Kamra kwistjonijiet serji li jkunu qed joħolqu kuntrast bejnu u bejn l-Amministrazzjoni jew li jkunu punti ta' kontroversja fil-pajjiż."*

# Ftit eżempji

Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu tul is-snin l-Ombudsman kellu diversi okkażjonijiet, waqt li kien jinvestiga l-ilmenti, li fihom kien jeħtieġlu jiddeċiedi x'għandha tkun l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u regolamenti applikabbli, kif ukoll jiddetermina l-parametri ta' diskrezzjoni li jkollha Awtorità. F'okkażjonijiet minnhom, dan l-eżerċizzju kien jimporta kwistjonijiet ta' prinċipju tad-dritt amministrattiv fuq interpretazzjoni ta' regolamenti u *policies* li jolqtu firxa wiesa taċ-ċittadini.

Kwistjonijiet li jinċidu direttament fuq l-investigazzjoni li jkun qed jagħmel l-Ombudsman u allura fuq il-ħarsien tad-dritt tal-individwu għall-Amministrazzjoni Pubblika tajba. Huma kwistjonijiet li, anki jekk fi grad differenti, qamu minn żmien għal żmien taħt Amministrazzjonijiet differenti.

Naċċennaw għal ftit eżempji li għadhom attwali u jimmeritaw attenzjoni u dibattitu mis-soċjetà ċivili.

## 1. In-Natura essenzjali tas-servizz pubbliku

Tradizzjonalment id-dritt amministrattiv f'Malta segwa mill-qrib dak Anglo-Sassonu li jqis is-servizz ċivili bħala ħolqa vitali fil-katina bejn amministrazzjoni u oħra. Kien allura ikkunsidrat servizz rigorożament apolitiku u l-impjegat pubbliku kien mistenni jagħti l-istess servizz b'korrettezza u lealtà ikun min ikun fil-Gvern. Dan ma jfissirx li l-Gvern tal-ġurnata m'għandux id-dritt li jkollu nies ta' fiduċja tiegħu li jfasslu u jassiguraw it-twettiq tal-politika espressa fil-programm elettorali li fuqu ngħata l-mandat biex jamministra l-pajjiż. Iżda għal ħafna żmien kien ikkunsidrat li dawn in-nies, li spiss ikunu ingaġġati b'kuntratt minn barra s-servizz pubbliku u magħżula direttament mill-Ministru, ikunu numru ristrett li jifformaw il-qalba tas-segretarjat u impjegati oħra li jassistu direttament lill-Ministru fil-qadi tad-doveri tiegħu. Jidher però li, f'dawn l-aħħar snin, il-linja ta' demarkazzjoni bejn dak li hu ingaġġ ta' uffiċjali fis-servizz ċivili u l-uffiċjali fis-servizz tal-Ministeru qiegħda kull ma tmur tisfuma. Eżekuttiv wara l-ieħor qegħdin kull ma jmorru jaddottaw politika li jagħmlu ħatriet b'mod dirett ta' persuni biex jamministraw taqsimiet ta' Dipartimenti jew Awtoritajiet biex jassiguraw li l-*policies* tal-Gvern jiġu mwettqa. Ħatriet dawn li spiss ma humiex limitati għal l-ogħla karigi fl-Amministrazzjoni Pubblika imma ukoll f'karigi inferjuri.

Hija l-fehma tal-Ombudsman li meta ħatriet bħal dawn ma jibqgħux każijiet iżolati u eċċezzjonali iżda jsiru b'mod regolari, kważi parti mill-istil tal-Eżekuttiv, jingħata lok inevitabbli ment għal sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' trasparenza u diffikultà ta' kontabilità. Dan proprju għaliex dawn il-ħatriet isiru b'mod dirett mingħajr ebda sejħa għall-applikazzjonijiet, b'kundizzjonijiet ta' servizz mhux dejjem magħrufa u għal kollox barra mill-proċeduri stabbiliti għall-ingaġġ ta' persuni fis-servizz pubbliku fil-Kostituzzjoni, liġijiet u regolamenti applikabbli. Taħt ċertu aspett, anke jekk b'mod ferm aktar limitat, qed noqorbu lejn il-mentalità tal-istil tal-Gvern tal-Istati Uniti fejn mal-bidla tal-President kull impjegat fis-servizz pubbliku hu meqjus li iddekada mill-uffiċċju tiegħu u l-Amministrazzjoni

l-ġdida għandha d-dritt illi tingaġġa fl-amministrazzjoni tagħha nies leali lejha. L-Ombudsman mhux qiegħed jesprimi opinjoni dwar liema sistema hi l-aħjar jew għandha tiġi adottata. Dik hi materja li għandha titħalla f'idejn il-politiċi. Qiegħed però jissuġġerixxi li hemm lok li jsir dibattitu dwar din il-materja li qed tqanqal kontroversja. Jirrakkomanda li, tkun xi tkun l-għażla, għandu jiġi assigurat li kull sistema ta' ingaġġ fis-servizz pubbliku, kemm f'dak li hu servizz ċivili fis-sens tradizzjonali tal-kelma, kif ukoll fis-servizz tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jkun għal kollox trasparenti, soġġett għal regoli ċari u univoċi li jassiguraw kontabilità. Prinċipji dawn li għandhom japplikaw ukoll għal ħatriet fis-settur pubbliku. Dan proprju għaliex fl-aħħar mill-aħħar hu l-Eżekuttiv li hu finalment responsabbli u kontabbli għall-aġir ta' dawn l-Awtoritajiet u Entitajiet pubbliċi. L-obbligu tat-trasparenza japplika għal dawn l-Awtoritajiet u Entitajiet daqs kemm japplika għal Gvern jekk mhux iżjed.

## 2. Definizzjoni ta' "*position of trust*"

Din hi materja li dwarha l-Ombudsman kellu diġà l-opportunità li jesprimi ruħu f'investigazzjonijiet li saru taħt l-Amministrazzjoni preċedenti u li wassluh biex jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' x'inhuma l-limiti tal-hekk imsejjħa '*positions of trust*'. Jidher li anke sa minn dak iż-żmien, l-Eżekuttiv seta' kien qiegħed jutilizza din il-formula biex jagħmel ħatriet li jidher li jistgħu jmorru lil hinn minn dak illi l-liġi, r-regolamenti u issa d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja eċċezzjonalment jippermettu fir-rigward ta' impjiegi għal żmien definit.

L-Ombudsman diġà esprima l-fehma illi hu aċċettabbli illi l-Amministrazzjoni tassigura li f'ċerti pożizzjonijiet vitali ta' tmexxija taħtar nies ta' fiduċja biex, sakemm tkun fil-gvern tassigura t-twettiq tal-*policies* tagħha. Però apparti d-distinzjoni li teħtieġ li ssir bejn assenjazzjoni leġittima ta' doveri lill-uffiċjali diġà fis-servizz pubbliku u ħatriet minn barra s-servizz, hu ovvju li t-twessiegħ tad-definizzjoni ta' '*position of trust*' tista' twassal għall-allegazzjonijiet ta' abbuż u diskriminazzjoni improprja f'dan il-qasam. Dan prinċipalment għaliex din il-formola tista' tidher li qed tintuża biex jiġu evitati proċeduri statutorji li jirregolaw l-impjieg ta' persuna mas-servizz ċivili u fis-settur pubbliku liema proċeduri huma maħsuba biex jiżguraw proċess trasparenti u ġust, ħieles minn diskriminazzjoni imporprja.

Wieħed ifakkar li essenzjalment il-ħatriet ta' uffiċjali pubbliċi u oħrajn hu regolat *inter alia* fil-Kostituzzjoni fl-Artikolu 110 li jipprovdi għall-proċess li jinvolvi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku maħsub biex jassigura li ma jkunx hemm abbuż u li l-ħatriet isiru b'mod ġust. Dan apparti illi s-subinċiż 6 tal-istess Artikolu jipprovdi illi "*Dħul f'impjiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi jew taħt xi liġi oħra, u ma' kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, għandu, kemm-il darba dak id-dħul ma jkunx sar wara eżami pubbliku li jkun ġie avżat kif imiss, isir permezz tas-servizz għall-impjegar kif provdut mis-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu*".

L-Ombudsman jerġa' jtenni l-preokupazzjoni tiegħu, diġà espressa f'Opinjonijiet Finali minnu mogħtija f'investigazzjonijiet taħt l-Amministrazzjoni preċedenti, illi t-twessiegħ tad-definizzjoni ta' "*position of trust*" jista' jwassal għal nuqqas ta' trasparenza u kontabilità. Dan jidher ukoll minn numru ta' ilmenti li qed jirċievi f'dan ir-rigward. Din

ukoll hi materja ta' importanza u ta' interess pubbliku li timmerita li tiġi dibattuta fl-ogħla Istituzzjoni tal-pajjiż.

## 3. Id-dritt għall-informazzjoni

Materja oħra li qed tqanqal interess kbir u dibattitu fost is-soċjetà ċivili huwa d-dritt tal-Parlament u taċ-ċittadin għall-informazzjoni dwar l-aġir tal-Eżekuttiv. Kwistjoni din li tolqot il-qalba tal-ħajja demokratika fil-pajjiż għax hu ċar li mingħajr informazzjoni korretta u f'waqtha la l-Parlament u wisq anqas il-pubbliku ma jkunu f'qagħda li sewwa jiġġudikaw l-aġir tal-Amministrazzjoni Pubblika. Għandu jkun hemm qbil li l-għoti ta' informazzjoni għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni. Diġà għandu l-pajjiż leġislazzjoni dwar il-ħelsien tal-informazzjoni li tistabbilixxi liema għandhom ikunu l-eċċezzjonijiet għal dan id-dritt fundamentali u fejn allura, l-amministrazzjoni tista', f'ċerti każijiet speċifikati bil-liġi, tirrifjuta li tagħti l-informazzjoni mitluba. Apparti l-fehma li dawn l-eċċezzjonijiet jidhru li huma wisq restrittivi meta mqabbla ma' leġislazzjoni ta' pajjiżi ferm aktar progressivi u liberali, jidher illi qed isiru spiss ilmenti li qed tidħol il-prattika illi tiġi rifjutata informazzjoni, leġittimament mitluba jew li ma tingħatax f'waqtha għal raġunijiet li ma jissodisfawx, anke jekk dan isir bl-applikazzjoni wiesgħa tal-liġijiet eżistenti.

Fil-fehma tal-Ombudsman l-iżvilupp demokratiku fil-pajjiż u x-xewqa li dan jottjeni livell ta' eċċellenza fl-Ewropa f'kull qasam, jindika li wasal iż-żmien li, anke fuq il-grad ta' aċċessibilità għall-informazzjoni dwar l-aġir tal-amministrazzjoni pubblika nibdew inħarsu lejn pajjiżi ferm aktar progrediti bħall-Fillandja, id-Danimarka u pajjiżi nordiċi oħrajn.

La d-dritt għall-informazzjoni għandu jkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni, fejn hu meħtieġ għal xi raġuni li tiġġustifika li ssir tali eċċezzjoni, għandu jkun hemm protokoll maqbul li jistabbilixxi mekkaniżmu kif l-amministrazzjoni għandha tinforma, in kunfidenza imma tempestivament, lill-ogħla Awtoritajiet tal-pajjiż fil-Parlament u ċioè l-President u l-Kap tal-Oppożizzjoni, b'dawn il-ħwejjeġ li ma jkunux fl-interess nazzjonali li jiġu żvelati pubblikament f'dak il-mument. Dawn jistgħu jinkludu informazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali, relazzjonijiet barranin, politika fiskali, l-interess ekonomiku pubbliku u oħrajn. Dan bi dritt u mhux b'konċessjoni. Hemm allura fil-fehma tal-Ombudsman lok għal dibattitu fuq din il-materja ta' importanza biex jiġu definiti linji ta' gwida ta' komportament tal-Eżekuttiv meta rinfaċċjat b'talbiet ta' din ix-xorta.

*"Dwar id-dritt tal-Parlament u taċ-ċittadin għall-informazzjoni dwar l-aġir tal-Eżekuttiv, għandu jkun hemm qbil li l-għoti ta' informazzjoni għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni."*

# Relazzjonijiet bejn l-Eżekuttiv u l-Parlament

Dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru anke fil-kuntest tad-dibattitu li qed isir dwar it-tisħiħ tal-Parlament bħala Istituzzjoni awtonoma kemm fil-qadi tal-funzjonijiet proprji tiegħu ta' leġislatur kif ukoll tal-funzjoni l-oħra tiegħu, daqstant importanti, ta' verifika tal-aġir tal-Eżekuttiv biex jassigura li dan ikun qed jaġixxi b'mod konformi mal-liġijiet illi jġib fis-seħħ. Dibattitu li hu immirat biex iwassal mhux biss lejn awtonomija istituzzjonali sħiħa bejn il-Parlament u l-Eżekuttiv imma ukoll għal separazzjoni aktar netta bejn il-funzjonijiet ta' dawn iż-żewġ poteri tal-Istat.

# Trasparenza u kontabilità

Hu l-ħsieb tal-Ombudsman illi s-sena li ġejja, bħala kontribut tiegħu għal dan id-dibattitu, iħejji dokument biex jissottomettih għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra li fih jelabora fuq il-materji diskussi u oħrajn. Bi ħsiebu jagħmel dan fuq inizjattiva proprja tiegħu kif awtorizzat jagħmel bl-Att dwar l-Ombudsman in kwantu jqis illi dawn huma materji li direttament jinċidu fuq id-dritt fundamentali tal-individwu għal amministrazzjoni pubblika tajba.

It-termini trasparenza u kontabilità mhumiex *buzz words* politiċi. Huma termini li qiegħdin jakkwistaw is-sura ta' kunċetti ġuridiċi li jimponu dixxiplina u ġustizzja fit-tmexxija. Qed isiru l-kejl li bih tiġi verifikata l-korrettezza tal-Amministrazzjoni Pubblika. Ma jistax ikun hemm kontabilità jekk ma jkunx hemm trasparenza. Trasparenza għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni. Fejn jeħtieġ li jkun hemm eċċezzjoni din jeħtieġ li ssir bis-saħħa ta' liġi li tiġġustifikaha. It-trasparenza timponi mhux biss li l-aġir tal-Amministrazzjoni Pubblika ma jkunx mistur imma ukoll li jkunu magħrufa r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda. Dan proprju għaliex l-Eżekuttiv huwa kontabbli lejn il-Parlament u l-elettorat li eleġġih. It-trasparenza hi essenzjali ukoll biex l-Ombudsman ikun jista' sewwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Hu ma jistax jasal għall-ġudizzju jekk l-aġir amministrattiv ħoloqx inġustizzja jew diskriminazzjoni improprja, fejn ma jkunx hemm trasparenza u fejn allura l-fatti tal-każ ma jkunux sewwa magħrufa.

*"Ma jistax ikun hemm kontabilità jekk ma jkunx hemm trasparenza. Trasparenza għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni."*

# ...mal-Eżekuttiv

Mal-bidla fil-Gvern ir-relazzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman mal-Eżekuttiv kien jeħtieġilhom żmien ta' adattament biex jinħolqu punti ta' kuntatt li jiffaċilitaw l-investigazzjoni tal-ilmenti. It-tibdil inevitabbli fid-dikasteri tal-Kabinett tal-Ministri irrikjeda xogħol amministrattiv notevoli mhux biss biex jiġi aċċertat liema Dipartimenti u Awtoritajiet jaqgħu taħt kull Ministeru, imma ukoll, biex tiġi identifikata l-persuna li għandha tkun il-punt ta' referenza li magħha jridu fl-ewwel lok jagħmlu kuntatt l-Uffiċjali Investigaturi.

## Il-*Liaison Officers*

Dawn il-*liaison officers* huma ħolqa essenzjali bejn l-Ombudsman, il-Kummissarji u l-Awtoritajiet. Huma dawn l-uffiċjali li jagħtu l-ewwel tagħrif dwar il-mertu tal-ilment u jassiguraw skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-uffiċjali eżekuttivi, li għandhom l-awtorità li jassumu responsabbiltà għall-aġir li jkun ta lok għall-ilment mis-Segretarju Permanenti 'l isfel.

Hu fatt li ħafna ilmenti, speċjalment f'dawk id-Dipartimenti u Awtoritajiet li jipprovdu servizzi diretti lill-konsumatur, jiġu solvuti u spiss sodisfatti b'kuntatt dirett bejn l-Uffiċjal Investigatur u l-*liaison officer*. Dan hu spiss riżultat ta' investigazzjoni u negozjar magħmula b'paċenzja u kultant fit-tul. Xogħol li hu mill-aktar effettiv u jagħti riżultati anke jekk spiss ma jidhirx.

Hi l-esperjenza ta' dan l-Uffiċċju li fejn ikun hemm fid-dipartiment *liaison officer* kompetenti u dedikat, li jingħata mis-superjuri tiegħu spazju biex ikun proattiv fir-relazzjonijiet mal-konsumatur, il-grad ta' suċċess fir-riżoluzzjoni tal-ilmenti hu wieħed għoli ħafna. Dan jirrifletti tajjeb mhux biss fuq l-apprezzament ta' min jagħmel l-ilment tax-xogħol tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, imma ukoll u aktar, fuq l-atteġġjament pożittiv tad-Dipartiment jew l-Awtorità. Dan għaliex min jagħmel l-ilment ikun sodisfatt illi l-Amministrazzjoni mhux biss kienet preparata li tisma' imma ukoll li taġixxi tempestivament biex issolvi l-ilment, anki jekk mhux dejjem jingħata raġun. Naturalment fejn il-*liaison officer* ma jkollux il-kwalitajiet meħtieġa jew inkella ma jingħatax mis-superjuri tiegħu r-responsabbiltà u l-awtorità neċessarji biex jaġixxi, r-riżultati ma jkunux daqstant pożittivi.

## Is-Segretarji Permanenti u s-CEO's

L-Ombudsman japprezza illi finalment ir-responsabbiltà tal-Amministrazzjoni taqa' fuq l-ispallejn tas-Segretarji Permanenti u s-CEO's li huma l-ogħla uffiċjali eżekuttivi li jridu jagħtu rendikont lill-Ministru tagħhom dwar l-ilmenti li ċ-ċittadin ikollu mal-Uffiċċju tal-Ombudsman dwar il-progress fl-investigazzjoni u dwar l-eżitu finali tagħhom. Anke hawn, l-esperjenza tal-Uffiċċju hi illi s-servizz li jista' jagħti liċ-ċittadin jiddependi ħafna fuq id-disponibbiltà tal-Amministrazzjoni li tikkoopera mal-Ombudsman fir-riċerka tal-verità biex jiġi aċċertat jekk ilment kienx ġustifikat jew le.

F'dan il-kuntest huwa vitali r-rwol li għandhom is-Segretarji Permanenti fil-Ministeri u s-CEO's fl-Awtoritajiet Pubbliċi. Dawn huma l-ogħla uffiċjali fil-katina amministrattiva b'awtorità li jiddeliberaw u jiddeċiedu fuq il-mertu tal-ilmenti u fuq l-Opinjonijiet Finali tal-Ombudsman u l-Kummissarji. Dan naturalment taħt id-direzzjoni tal-Ministri u l-Bord tad-Diretturi rispettivi tagħhom.

Hi l-esperjenza ta' dan l-Uffiċċju li fejn dawn l-uffiċjali għolja għandhom għarfien ta' x'inhu sewwa r-rwol tal-Uffiċċju tal-Ombudsman kif ukoll għandhom il-kapaċità li jassumu r-responsabbiltajiet sħaħ tal-kariga tagħhom, fosthom dak li jieħdu deċiżjonijiet li jaqgħu fil-funzjonijiet u fid-diskrezzjoni tagħhom, ikun hemm relazzjonijiet ottimi mal-Ombudsman. Dan spiss iwassal mhux biss għal soluzzjoni pożittiva tal-ilmenti u għall-għoti ta' rimedju xieraq u adegwat fejn tirriżulta inġustizzja, imma ukoll għal inizjattivi minn naħa tal-Ombudsman biex jittieħdu miżuri biex jilqgħu għal sitwazzjonijiet li jkunu qed jagħtu lok għall-ilmenti ripetuti li jibqgħu mhux indirizzati. Sfortunatament mhux is-Segretarji Permanenti u s-CEO's kollha għandhom l-istess dispożizzjoni proattiva fil-konfront tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. L-Ombudsman jibqa' però jippersisti fl-isforzi tiegħu biex iwassal il-messaġġ tiegħu fl-interess taċ-ċittadini.

Eżempju tajjeb ta' kemm tista' tkun utli din il-koperazzjoni interattiva bejn l-Ombudsman u l-Awtorità Pubblika, hu l-ftehim milħuq ma' Trasport Malta f'dawn l-aħħar xhur, dwar ilmenti mressqa fuq allegati danni ikkawżati minn ħsarat fit-toroq.

L-Ombudsman ikun rinfaċċjat minn żmien għal żmien b'numru konsiderevoli minn dawn l-ilmenti. Hu stabbilit illum, anki ġudizzjarjament, li l-Awtorità Pubblika tista' tkun responsabbli għad-danni minħabba manutenzjoni ħażina tat-toroq, jekk jirriżulta illi din tkun kawżata minħabba negliġenza u traskuraġni fil-qadi tad-dover tagħha li żżomm it-toroq pubbliċi, li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha, fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Fuq inizjattiva tal-Ombudsman saru diversi laqgħat ma' uffiċjali tal-Awtorità dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-kriterji li għandhom jiġu adottati fl-ipproċessar ta' talbiet bħal dawn. Dan wassal biex l-Awtorità stabbiliet il-proċedura li għandha tiġi addottata mid-Direttorat għat-Toroq u l-Infrastruttura ta' Transport Malta, kif ukoll il-mod kif dawn it-talbiet kellhom jiġu eżaminati, assessjati u deċiżi.

Saret konsultazzjoni mal-Ombudsman dwar il-mekkaniżmu propost. L-Awtorità waqqfet Bord intern biex jeżamina dawn l-ilmenti u jirrakkomanda x'deċiżjoni kellha tieħu l-Awtorità. Għalkemm l-Ombudsman qies li dan il-mekkaniżmu intern għall-eżami ta' dawn l-ilmenti ma kienx għal kollox sodisfaċenti għaliex ma kienx wieħed indipendenti kif minnu issuġġerit, xorta qies li dan kien pass pożittiv ħafna. Kien pass li jtejjeb sostanzjalment il-*customer service* tal-Awtorità għax l-utent tat-triq ikun sodisfatt illi l-ilment tiegħu qed jingħata kunsiderazzjoni xierqa. Mill-banda l-oħra hu dejjem jibqgħalu l-jedd li jirrikorri għand l-Ombudsman jekk ma jkunx sodisfatt mill-eżitu tal-Bord intern.

Naturalment dan il-Bord intern jivverifika talbiet li jkunu relatati mat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Transport Malta, iżda mhux dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. L-Ombudsman in fatti ipprova jwassal lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex twettaq arranġament simili iżda sal-lum għad ma kellux suċċess.

Inizjattivi simili ttieħdu mill-Uffiċċju tal-Ombudsman ma' Awtoritajiet pubbliċi oħra li jipprovdu servizz fejn irriżulta li kien hemm nuqqasijiet fis-sistemi u proċeduri li joħolqu inkonvenjent serju lill-utenti u konsumaturi.

Dawn l-inizjattivi jistgħu jittieħdu għax fil-fehma tal-Ombudsman huma l-aktar mezz effikaċi kif l-Uffiċċju jwettaq il-veru funzjoni importanti tiegħu li jkun strument ta' titjib tal-amministrazzjoni pubblika.

*"Hi l-esperjenza ta' dan l-Uffiċċju li fejn ikun hemm fid-dipartiment* liaison officer *kompetenti u dedikat, li jingħata mis-superjuri tiegħu spazju biex ikun proattiv fir-relazzjonijiet mal-konsumatur, il-grad ta' suċċess fir-riżoluzzjoni tal-ilmenti hu wieħed għoli ħafna."*

# ...man-Nies

## Tisħiħ tal-kuntatt mal-Amministrazzjoni

L-Amministrazzjoni pubblika hi proċess ħaj li tinbidel u tiżviluppa minn żmien għall-ieħor. Hu għalhekk meħtieġ illi l-uffiċjali pubbliċi li magħhom dan l-Uffiċċju jkollu kuntatt dirett u kontinwu, jinżammu informati bil-mod kif l-Ombudsman iwettaq il-funzjonijiet tiegħu biex ikun tarka effettiva taċ-ċittadin. Jeħtieġ allura li dawn l-uffiċjali jingħataw miżura ta' taħriġ biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar mhux biss x'inhu r-rwol istituzzjonali tal-Ombudsman u x'poteri għandu biex jinvestiga sewwa u kif jixraq l-ilmenti li jsirulu, imma ukoll biex japprezzaw ix-xogħol tal-Ombudsman bħala għodda għat-titjib tal-istess amministrazzjoni pubblika. B'hekk ikunu jistgħu b'konvinzjoni jikkooperaw u jikkollaboraw mal-Ombudsman fir-riċerka tal-verità favur iċ-ċittadin bażata fuq il-ġustizzja u l-ekwità.

Hu f'dan ir-rigward illi l-Ombudsman żamm laqgħat kemm mas-Segretarji Permanenti kif ukoll mal-*liaison officers* li fihom sar skambju ta' ideat dwar kif ir-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman u l-Amministrazzjoni Pubblika setgħu jissaħħu. Dan ukoll biex jiġi assigurat illi l-proċeduri tal-investigazzjoni jsiru b'effiċjenza, b'kompetenza u fl-iqsar żmien possibbli.

Ġust jingħad illi fl-organizzazzjoni ta' dawn il-laqgħat l-Uffiċċju kellu l-kooperazzjoni sħiħa tal-Segretarju Permanenti Ewlieni li f'kull okkażjoni enfasizza l-obbligu tal-uffiċjali pubbliċi li jikkollaboraw mal-Ombudsman u l-Kummissarji fl-investigazzjonijiet tagħhom. Dan mhux biss billi jikkorrispondu tempestivament għad-domandi li jsirulhom u jipprovdu d-dokumenti mitluba, imma ukoll billi janalizzaw bir-reqqa l-Opinjonijiet Finali tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet magħmula u sa fejn possibbli, jimplimentawhom. Hi l-intenzjoni tal-Ombudsman illi dawn il-laqgħat jiġu ripetuti s-sena d-dieħla anke *in vista* tal-fatt li sar tibdil fil-kabinett tal-Ministri f'dawn l-aħħar xhur.

Hemm ukoll il-ħsieb li laqgħat simili jerġgħu jsiru għas-Sindki u għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali. Hu fatt li persentaġġ konsiderevoli mill-ilmenti li jsiru jirrigwardaw aġir amministrattiv tal-Kunsilli. Kien għalhekk illi fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra, l-Ombudsman kien iddikjara li qed jikkunsidra kienx il-każ li jitlob li jinħatar Kummissarju għall-Kunsilli Lokali. Proposta din li għadha valida imma li takkwista aktar konsistenza jekk il-Gvern u l-Oppożizzjoni jaqblu li ħatra bħal din hi mixtieqa.

## Tisħiħ fil-kuntatt bejn l-Ombudsman u l-pubbliku

Fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra ingħad li hu essenzjali li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jaġixxi biex ikollu preżenza qawwija li jwassal il-messaġġ liċ-ċittadini li jekk iħossu ruħhom aggravati b' azzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika huma setgħu jutilizzaw is-servizzi tiegħu.

Ġiet espressa l-fehma illi din il-preżenza kienet għadha nieqsa u ma kienx hemm programm ħolistiku kif iċ-ċittadini jingħataw dan l-għarfien permezz ta' informazzjoni

regolari u f'waqtha. Kien biss b'dan il-kuntatt kontinwu illi ċ-ċittadini setgħu jkunu jafu x'kienu l-jeddijiet tagħhom u li setgħu ifittxuhom permezz ta' dan l-Uffiċċju. Ir-rapport ta' *PricewaterhouseCoopers* korrettament identifika dan in-nuqqas u enfasizza l-ħtieġa li jittieħdu miżuri effettivi biex dan jiġi indirizzat b'mod li ċ-ċittadin mhux biss ikun aktar konxju tas-servizzi li jista' joffri l-Uffiċċju tal-Ombudsman, iżda ukoll, jingħata l-mezzi effikaċi biex, b'mod faċli, jagħmel użu minnhom.

Hu fatt rikonoxxut minn dan l-Uffiċċju illi minn mindu twaqqaf fl-1995, ftit li xejn kien sar żvilupp fl-istrutturi amministrattivi tiegħu biex jassigura illi l-kuntatt mal-pubbliku jibqa' jitjieb u jissaħħaħ. Kien beda jinħass il-bżonn li jiġi maħtur uffiċjal imħarreġ fir-relazzjonijiet pubbliċi biex iqarreb aktar il-pubbliku lejn l-Uffiċċju mhux biss b'użu akbar tal-mezzi tradizzjonali, imma ukoll tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni soċjali li huma ferm aktar effettivi u immedjati.

F'dan ir-rigward ir-rapport tal-*PricewaterhouseCoopers* għamel diversi rakkomandazzjonijiet mibnija essenzjalment fuq il-ħtieġa li tinħoloq struttura adegwata għal dan il-għan billi fl-ewwel lok jiġi abolit il-post ta' *Manager, Corporate Affairs* li kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ġenerali tal-Uffiċċju. Il-funzjonijiet tiegħu kienu jinkludu ukoll dik li jassisti lill-Ombudsman fir-riċerka, fil-preparazzjoni tal-pubblikazzjonijiet u f'inizjattivi għat-tisħiħ ta' kuntatt bejn l-Uffiċċju u ċ-ċittadin.

Kien sar ovvju li minħabba diversi raġunijiet, mhux l-inqas il-mod kif kien qiegħed jiżviluppa l-Uffiċċju, l-*Manager, Corporate Affairs* ma setax ikompli jaqdi dawn il-funzjonijiet kollha b'effiċjenza u kompetenza. Kien wasal iż-żmien għall-bidla fl-istruttura bl-introduzzjoni ta' riformi radikali u moderni li jassiguraw l-aħjar użu tar-riżorsi umani disponibbli.

Ir-rapport kien għalhekk irrakkomanda illi l-funzjonijiet amministrattivi kollha kellhom jitwettqu minn Direttur Ġenerali, li jkun responsabbli għall-*management* tat-taqsimiet kollha tal-Uffiċċju; waqt li jiġi maħluq post ġdid ta' Uffiċjal għar-Riċerka u Kommunikazzjoni li jkun, fost ħwejjeġ oħra, responsabbli għall-inizjattivi kollha maħsuba biex iwasslu l-messaġġ tal-Ombudsman lill-pubbliku. L-Ombudsman qies li dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu flokhom u f'waqthom u implimentahom is-sena li għaddiet.

Wara l-ħatra ta' Direttur Ġenerali beda l-proċess biex jinħoloq il-post ta' Uffiċjal għar-Riċerka u Kommunikazzjoni. Dan ġie maħtur wara sejħa pubblika għal min kien interessat. Din attirat numru konsiderevoli ta' applikazzjonijiet minn persuni kwalifikati u mħarrġa, tista' tgħid mill-oqsma kollha tal-ġurnaliżmu u relazzjonijiet pubbliċi fil-pajjiż. Dan l-uffiċjal jista' issa jiffoka esklussivament fuq ir-riċerka u r-relazzjonijiet tal-Uffiċċju mal-pubbliku. Il-ħatra ġabet bidla immedjata u radikali fil-mod kif iċ-ċittadin qed jiġi informat bid-drittijiet tiegħu u kif jista' jeżerċitahom billi juża s-servizzi tal-Ombudsman.

B'ħidma koordinata bejn dan l-uffiċjal, id-Direttur Ġenerali u l-amministrazzjoni ġie skedat programm ta' inizjattivi professjonali u proattivi li beda jitwettaq f'Jannar ta' din is-sena u li essenzjalment hu maħsub biex jimmodernizza l-politika kollha ta' *outreach* tal-Uffiċċju, bl-użu tal-aktar mezzi moderni ta' komunikazzjoni soċjali. It-twettiq ta' dawn l-inizjattivi li huma elenkati u deskritti f'taqsima oħra ta' dan l-Ombudsplan, diġà qed ikollu effett notevoli fuq il-pubbliku li irreaġixxa b'mod mill-aktar pożittiv. Biżżejjed issir referenza għat-tfassil mill-ġdid tal-websajt tal-Uffiċċju, esegwit fi ftit ġimgħat u li issa hi waħda moderna, attraenti u mill-aktar *user-friendly*. Qiegħed isir kull sforz biex din il-websajt tiġi *serviced* regolarment u aġġornata bl-aħħar aħbarijiet dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman u l-Kummissarji, l-opinjonijiet l-aktar importanti tagħhom u informazzjoni oħra utli għall-pubbliku.

# Case Load

## In-numru tal-ilmenti

Hu essenzjali biex l-Uffiċċju jilħaq l-għan tiegħu li jkun strument effettiv għad-difiża taċ-ċittadin li n-nies ikunu mgħarrfa sewwa x'inhuma l-funzjonijiet li jaqdu l-Ombudsman u l-Kummissarji. Importanti li jkunu jafu sewwa sa fejn u kif setgħu jiġu investigati ilmenti u x'kellhom jagħmlu biex jagħmlu użu mis-servizzi offruti mill-Uffiċċju. Hu maħsub illi bħala riżultat dirett tal-kampanja pubbliċitarja ippjanata ser ikun hemm żieda fin-numru tal-ilmenti. Aktar ma n-nies ikunu mgħarrfa bis-servizzi aċċessibbli għalihom aktar jiġu mħajjra jirrikorru f'dan l-Uffiċċju għal *redress*.

Fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra ġie innotat li kien hemm tnaqqis fin-numru ta' ilmenti, kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm, mis-sena ta' qabel. Dan ġie attribwit kemm għall-fatt illi kienet riesqa elezzjoni ġenerali kif ukoll għaliex wara l-bidla fil-Gvern, kien hemm l-aspettattiva ta' *redress* malajr għall-inġustizzji direttament mill-Amministrazzjoni l-ġdida. Jingħad ukoll illi n-nuqqas fin-numru ta' ilmenti kien mistenni li jkun wieħed temporanju u li eventwalment is-sitwazzjoni tiġi lura għan-normal u n-numru tal-ilmenti jsib il-livell tiegħu.

Fil-fatt jista' jiġi konstatat illi mill-istatistika għall-ewwel tmien xhur ta' din is-sena hu stabbilit illi x-xejra ta' tnaqqis fin-numru tal-ilmenti twaqqfet. In-numru ta' ilmenti bil-kitba huma fl-istess livell tas-sena ta' qabel waqt li kien hemm żieda notevoli fin-numru ta' ilmenti verbali. Minn barra dan, l-element qawwi ta' speċjalizzazzjoni li għandu l-Uffiċċju llum fl-investigazzjoni tal-ilmenti bil-ħatra tal-Kummissarji, qed jagħti riżultati tajbin kemm għall-aċċess li dawn għandhom fis-setturi partikolari tagħhom kif ukoll għall-kwalità tal-Opinjonijiet Finali mogħtija b'livell ta' *expertise* għola.

*"Hu essenzjali biex l-Uffiċċju jilħaq l-għan tiegħu li jkun strument effettiv għad-difiża taċ-ċittadin li n-nies ikunu mgħarrfa sewwa x'inhuma l-funzjonijiet li jaqdu l-Ombudsman u l-Kummissarji."*

# Il-Kummissarji

Fit-tieni sena tal-operat tagħhom jidher li l-Kummissarji integraw sewwa fl-operat tal-Uffiċċju u flimkien mal-Ombudsman qiegħdin jipprovdu servizz komprensiv fl-investigazzjoni tal-ilmenti. Mhux lanqas għaliex huma għandhom aċċess ferm aktar dirett għall-Ministeri u Awtoritajiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom. Il-konsultazzjoni mal-Ombudsman hi kontinwa u llum jista' jingħad li l-Opinjonijiet Finali tagħhom huma ukoll riżultat ta' dan l-ispirtu pożittiv ta' *team work* li nħoloq bejn Kummissarji li jaħdmu b'mod awtonomu u l-Ombudsman li jservi bħala punt ta' referenza dwar punti ta' liġi u proċedura li jistgħu jinqalgħu. Finalment l-Ombudsman jibqagħlu d-dritt li jirrevedi Opinjonijiet Finali ta' dawn il-Kummissarji fejn dan hu permess bil-liġi u meta min jagħmel l-ilment hekk jitolbu li jagħmel.

Din is-sinerġija li nħolqot, bl-applikazzjoni korretta tal-liġi u r-regolamenti li jirregolaw il-funzjonijiet tal-Kummissarji, hi kumplimentata u msaħħa mill-fatt li l-Kummissarji jutilizzaw is-servizzi tal-Uffiċjali Investigaturi u tal-istaff amministrattiv tal-Ombudsman. Kollox ma' kollox allura eżerċizzju pożittiv illi hu maħsub li jkompli jiżviluppa u possibbilment estiż is-sena li ġejja. Tajjeb li jingħad ukoll li dan kollu sar u qed isir mingħajr żieda fir-riżorsi umani u b'impatt minimu fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Uffiċċju ħlief naturalment, għall-onorarja dovuta lill-Kummissarji. Anki f'dan ir-rigward il-*management* il-ġdid qed jagħmel kull sforz biex jutilizza bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi umani disponibbli mingħajr ma jnaqqas l-effiċjenza tal-operat.

*"Il-konsultazzjoni bejn l-Ombudsman u l-Kummissarji hi kontinwa u llum jista' jingħad li l-Opinjonijiet Finali huma ukoll riżultat ta' dan l-ispirtu pożittiv ta'* team work *li nħoloq bejn Kummissarji li jaħdmu b'mod awtonomu u l-Ombudsman li jservi bħala punt ta' referenza dwar punti ta' liġi u proċedura li jistgħu jinqalgħu."*

# Bordijiet interni

It-twaqqif f'dawn l-aħħar xhur ta' Bordijiet interni biex jinvestigaw ilmenti dwar inġustizzji mwaqqfa f'diversi Awtoritajiet, fosthom fl-Armata, fl-Air Malta, Enemalta u oħrajn, neċessarjament kellu almenu inizjalment, effett fuq in-numru ta' ilmenti illi jirċievi dan l-Uffiċċju. L-Ombudsman diġà esprima l-fehma li fil-prinċipju hu ma jista' ikun kontra l-ebda miżura li tittieħed mill-Amministrazzjoni Pubblika biex tassigura ġustizzja fl-aġir amministrattiv u allura ma jistax ikun kontra proċedura maħsuba biex tikkoreġi allegati inġustizzji. Hu però, esprima riservi dwar il-fatt illi dawn il-Bordijiet ma humiex awtonomi u indipendenti mid-Dipartiment u l-Awtorità li twaqqafhom u allura ma jgawdux l-istess garanziji ta' indipendenza u imparzjalità li jista' jagħti l-Uffiċċju tal-Ombudsman. Esprima ukoll it-tħassib tiegħu għall-fatt illi dawn il-Bordijiet ġew mogħtija l-funzjoni li jinvestigaw ilmenti dwar inġustizzji bla limitu ta' żmien għall-passat, anke minn persuni li setgħu bil-liġi, jressqu l-ilment tagħhom lill-Ombudsman.

Din il-fakultà infatti, tinnewtralizza għal kollox it-terminu preskrittiv ta' sitt xhur li l-Att dwar l-Ombudsman jimponi fuq persuna li qed tħossha aggravata biex tippreżenta ilment quddiem l-Ombudsman u l-Kummissarji. Din l-anomalija fiha nfisha tista' tkun kawża ta' inġustizzja ma' oħrajn li kellhom l-istess ilment u li jew għamlu talba quddiem l-Ombudsman li ġiet investigata u miċħuda jew inkella li għamlu t-talba wara li skada t-terminu preskrittiv. Hemm diversi ċirkostanzi oħra li jistgħu jagħtu lok għall-konflitt bejn l-operat ta' dawn il-Bordijiet u l-Ombudsman u l-Kummissarji meta dawn ikunu qiegħdin jinvestigaw ilmenti ta' allegati inġustizzji fil-passat. Mhux il-każ li dawn jiġu diskussi f'din l-okkażjoni. Jingħad biss illi hu essenzjali li, fit-twaqqif ta' dawn l-*internal complaints mechanisms*, jiġi assigurat mhux biss it-trasparenza sħiħa fil-proċeduri li għandhom jiġu segwiti imma ukoll li dawn ikunu kondotti skont regoli ċari u definiti li jiggarantixxu liċ-ċittadin li l-ilment tiegħu ikun qiegħed jiġi deċiż b'ekwità u ġustizzja. Altrimenti jista' jingħata lok għal allegazzjonijiet mhux neċessarjament ġustifikati, illi ċ-ċittadini kienu qiegħdin jingħataw l-opportunità illi jakkwistaw dak li setgħu ma jkollhomx jedd għalih, permezz tar-rikors dirett lill-Eżekuttiv.

Dan jista' jwassal għall-perċezzjoni popolari li biex wieħed jieħu dak li jistħoqqlu irid jirrikorri għand min għandu l-poter u mhux għand min għandu d-dover jiddispensa l-ġustizzja. Perċezzjoni din li l-Ombudsman ċert li ħadd ma jixtieq jiffavorixxi. Bħala stat ta' fatt l-Uffiċċju beda jirċievi ilmenti dwar deċiżjonijiet meħuda minn Bordijiet interni għal kunsiderazzjoni ta' talbiet dwar inġustizzji, kemm minn min għamel ilment li ġie miċħud u kif ukoll minn min ġie milqut ħażin mid-deċiżjoni meħuda mill-istess Bordijiet.

L-Ombudsman jinvestiga dawn l-ilmenti però dejjem fil-parametri tal-ġurisdizzjoni li għandu fl-Att dwar l-Ombudsman u bir-regoli hemm stabbiliti għall-investigazzjoni tiegħu. L-Ombudsman ikun jista' jinvestiga l-aġir ta' dawn il-Bordijiet interni, imma mhux neċessarjament ikun f'pożizzjoni li jagħti rimedju fil-mertu, anke jekk l-ilment quddiemu jirriżulta ġustifikat. Dan kollu qed jingħad għaliex jidher li hemm lok għal dibattitu bejn il-forzi politiċi biex jiġi stabbilit x'għandhom ikunu l-prinċipji li jirregolaw il-komportament ta' amministrazzjoni

ġdida dwar l-ilmenti li jsirulha ta' inġustizzji mill-Amministrazzjoni li tissuċċedi. Jidher li hemm lok li jiġu stabbiliti linji gwida li jassiguraw trasparenza u kontabilità meta jiġu trattati ilmenti ta' din ix-xorta biex jiġi assigurat li l-proċeduri li jiġu segwiti ma jġibux konflitt ma' Awtoritajiet Kostituzzjonali bħal l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali li huma mwaqqfa apposta biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' din ix-xorta. Iċ-ċittadini għandhom jiġu inkuraġġiti illi jagħmlu użu minn dawn l-Awtoritajiet, fit-termini tal-liġi li jwaqqfuhom, u dan fiż-żmien stabbilit.

Bla ma wieħed inaqqas xejn mill-isforzi tal-amministrazzjoni tal-lum u ta' qabilha biex jagħmlu ġustizzja fejn tirriżulta l-inġustizzja, għandu jkun assigurat li ż-żmien tal-klijenteliżmu u tal-patronaġġ politiku li tant għamel ħsara fi żminijiet l-imgħoddija jispiċċa u li l-bażi biex wieħed jassigura l-jeddijiet tiegħu għandhom ikunu l-liġi u d-dritt applikat b'ġustizzja u ekwità.

*"Hu essenzjali biex l-Uffiċċju jilħaq l-għan tiegħu li jkun strument effettiv għad-difiża taċ-ċittadin li n-nies ikunu mgħarrfa sewwa x'inhuma l-funzjonijiet li jaqdu l-Ombudsman u l-Kummissarji."*

# Rapporti fuq inizjattiva proprja

Apparti l-investigazzjoni ta' ilmenti fil-kors normali tal-qadi tad-doveri tagħhom magħmula minn individwi, kemm l-Ombudsman kif ukoll il-Kummissarji kienu impenjati f'dawn l-aħħar xhur b'investigazzjonijiet magħmula fuq inizjattiva proprja tagħhom. Dawn wasslu, jew qed iwasslu, għall-Opinjonijiet Finali li l-mertu tagħhom jolqot firxa wiesgħa tas-soċjetà.

Fost dawn insemmu investigazzjoni li saret mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni dwar ir-rappurtaġġ tal-assenteiżmu fil-*Junior College*, mill-ġenituri u *guardians*. Investigazzjoni mill-Ombudsman, dwar il-proċeduri li għandhom jadottaw Transport Malta fil-kunsiderazzjoni ta' ilmenti min-nies li jippretendu ħlas ta' danni li jsofru fl-użu tat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha; investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni korretta ta' *policies* u proċeduri fil-MEPA u investigazzjoni mill-Kummissarju għas-Saħħa u l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar flimkien dwar l-allegata kontaminazzjoni ta' raba' agrikola bid-depożitu illegali ta' drenaġġ. Din l-aħħar investigazzjoni magħmula minn dawn il-Kummissarji - l-ewwel tax-xorta tagħha u magħmula fuq talba tal-Ombudsman Parlamentari - irrikjediet impenn notevoli fil-ġbir tal-informazzjoni u konsultazzjoni ma' esperti li tawlet diversi xhur. Il-kumpilazzjoni tal-evidenza issa tlestiet. Il-Kummissarji qiegħdin fi stadju li jikkonsultaw mal-Awtoritajiet kompetenti qabel jestendu r-rapport tagħhom.

Apparti dan il-Kummissarji kollha jagħmlu ħilithom biex iżommu kuntatt mill-qrib mal-Awtoritajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom u jagħmlu kull sforz biex b'negozjati u konsultazzjoni, iwasslu għal titjib fil-*policies* u proċeduri li jolqtu liċ-ċittadin mill-qrib. Hekk per eżempju l-Kummissarju għall-Edukazzjoni iżomm kuntatt mal-Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja terzjarja biex jesplora kif ċertu *policies* jistgħu jiġu iċċarati biex jiffaċilitaw l-istudju ta' studenti bi bżonnijiet speċjali. Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar ikollu diskussjonijiet mas-CEO tal-MEPA dwar l-applikazzjoni ta' *policies* minn diversi taqsimiet tal-ippjanar u l-ambjent u kif dawn jistgħu jiġu iċċarati u applikati b'mod ġust. Il-Kummissarju għas-Saħħa qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-Awtoritajiet tas-saħħa dwar problemi rikorrenti li għandhom pazjenti, speċjalment fl-għoti ta' mediċini. L-insistenza tiegħu f'dan ir-rigward mhux dejjem ikollha suċċess però hu jibqa' jippersisti sakemm jottjeni r-riżultati mixtieqa.

F'dan ir-rigward hu mill-aktar pożittiv il-fatt illi, fost il-funzjonijiet li ġew stabbiliti għall-Kumitat Permanenti tas-Saħħa ta' din il-Kamra, hemm dik illi jikkonsidra l-Opinjonijiet Finali tal-Kummissarju għas-Saħħa lilha riferiti u, fejn meħtieġ, jikkonsulta miegħu. Fil-fehma tal-Ombudsman dan hu pass fid-direzzjoni tajba għaliex huwa indikattiv tad-disponibbiltà tal-Kamra tad-Deputati illi jinstab mezz kif l-Opinjonijiet Finali tal-Ombudsman u tal-Kummissarji, riferiti lilha għax hekk ikunu jimmeritaw, jiġu diskussi mill-Kumitati Permanenti interessati fil-mertu. Dan hu wieħed mill-mezzi kif l-Opinjonijiet Finali tal-Ombudsman u l-Kummissarji jingħataw aktar saħħa effettiva.

# Użu akbar tal-lingwa Maltija

Żvilupp ieħor importanti mhux biss biex jiġi assigurat illi l-messaġġ tal-Ombudsman jasal għand kulħadd, imma ukoll biex jiġi assigurat it-tisħiħ tal-identità nazzjonali, hi d-deċiżjoni li, sa fejn huwa possibbli u prattikabbli, il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Uffiċċju maħsuba biex jilħqu lill-pubbliku, isiru kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti.

Mhux biss il-websajt hi illum ġeneralment aċċessibbli biż-żewġ lingwi imma ukoll ir-rapport annwali u n-noti dwar il-każijiet bdew jiġu ippubblikati ukoll bil-Malti. Ix-xogħol ta' traduzzjoni qed isir kollu *in-house*. Xogħol li jirrikjedi attenzjoni u impenn notevoli u hu piż addizzjonali fuq ir-riżorsi umani tal-Uffiċċju. Qed isir ukoll biż-żewġ lingwi l-materjal kollu informattiv u pubbliċitarju li jagħti informazzjoni lill-pubbliku dwar aċċess lill-Ombudsman u lill-Kummissarji u dwar kif jista' jagħmel użu mis-servizzi li joffri l-Uffiċċju. L-istaff qed jingħata l-opportunità li jattendi korsijiet ta' aġġornament fl-istudju tal-Malti biex ikun jista' jaqdi dan ix-xogħol b'kompetenza.

*"Fejn huwa possibbli u prattikabbli, l-pubblikazzjonijiet kollha tal-Uffiċċju maħsuba biex jilħqu lill-pubbliku, isiru kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Dan ix-xogħol li jirrikjedi, attenzjoni u impenn notevoli isir kollu* in-house*"*

# Użu tas-*Social Media*

Issa li l-websajt ġiet stabbilità u qed taħdem b'mod l-aktar sodisfaċenti, imiss li l-Uffiċċju jistudja l-possibilità u l-potenzjal li jagħmel użu mis-*social media* biex joħloq triqat ġodda ta' kuntatt mal-pubbliku. Dawn mezzi li joħolqu relazzjoni immedjata u interattiva, li jekk użati sewwa jistgħu jiżviluppaw fl-aktar mezz effikaċi ta' *outreach* għaċ-ċittadin. Naturalment jeħtieġ li tingħata attenzjoni kbira fil-mod kif dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jiġu utilizzati u biex jiġi assigurat li ma jiġux abbużati. In-natura sensittiva tal-funzjonijiet li jeżerċitaw l-Ombudsman u l-Kummissarji tindika illi l-Uffiċċju jeħtieġ li jkun selettiv u dixxiplinat fl-użu ta' dawn il-mezzi.

Ġie preparat dokument intern dwar il-preġji u d-difetti tal-użu ta' dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kif ukoll ir-riskji li l-użu estensiv tagħhom jista' joħloq. Dan id-dokument qed jiġi analizzat bil-għan li tittieħed azzjoni fi żmien qarib.

*"Il-mezzi tas-Social Media joħolqu relazzjoni immedjata u interattiva, li jekk użati sewwa jistgħu jiżviluppaw fl-aktar mezz effikaċi ta'* outreach *għaċ-ċittadin."*

# Kuntatt dirett mal-pubbliku

Għas-sena d-dieħla qed jitħejja programm ta' *outreach* dirett bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-pubbliku. Hu maħsub li ssir kampanja li tinvolvi mhux biss il-Kunsilli Lokali imma ukoll lill-Entitajiet prinċipali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissarji. Dawn jinkludu Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja bħall-Università, l-MCAST u l-ITS, Istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika bħal sptarijiet, ċentri pubbliċi tas-saħħa u bereġ, l-MEPA u oħrajn. Ser jintuża materjal pubbliċitarju ta' kwalità, modern u attraenti li jkun *serviced* u aġġornat kultant żmien mill-Uffiċċju tal-Ombudsman biex jassigura li l-materjal ikun regolarment aġġornat u aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-programm ta' informazzjoni ser ikun *tailor made* skont l-esiġenzi u l-ħtiġijiet tas-setturi tas-soċjetà li jrid jolqot. Hekk per eżempju fil-każ tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni hu maħsub illi l-materjal informattiv jiġi mqassam lil kull student ġdid tal-Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja. Isiru laqgħat bejn il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, l-istudenti u l-għaqdiet tagħhom u jsir kull sforz biex il-messaġġ tal-Ombudsman jitwassal lilhom permezz ta' użu akbar tas-*social media* għax għalihom dan hu l-mezz ordinarju ta' komunikazzjoni.

Il-programm ta' *outreach* intensiv naturalment jimporta spiża addizzjonali u allura qed tintalab approvazzjoni għall-finanzjament tiegħu f'dan l-Ombudsplan għas-sena 2015.

*"Għas-sena d-dieħla qed jitħejja programm ta'* outreach *dirett bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-pubbliku."*

# Inizjattivi oħra

Matul ix-xhur li għaddew l-Ombudsman kien impenjat f'diversi inizjattivi oħra li wasslu għall-proposti konkreti f'pubblikazzjonijiet li ġew sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Awtoritajiet kompetenti. Dawn jinkludu:

**1. Proposta tal-Uffiċċju tal-Ombudsman dwar it-twaqqif f'Malta ta' Istituzzjoni Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Jeddijiet Umani (NHRI).**

Din il-proposta li saret f'Ottubru tas-sena l-oħra qanqlet interess kemm f'Malta u aktar barra minn Malta. Fiha l-Ombudsman esprima l-konvinzjoni tiegħu, illi tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-Gvern dwar il-format li għandha tingħata din l-Istituzzjoni, hu kien impenjat li jagħti l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu biex din tirnexxi billi takkwista l-għola grad ta' rikonoxximent mill-aġenzija kompetenti tal-Ġnus Magħquda. L-Ombudsman ma ġie bl-ebda mod involut fit-tfassil tal-istruttura proposta għall-NHRI però ngħata x'jifhem li l-proposta li saret minnu fil-pubblikazzjoni msemmija ser tittieħed bħala l-kontribut ta' dan l-Uffiċċju għal dan l-eżerċizzju. Hu jistenna b'interess il-pubblikazzjoni tal-*White Paper* fi żmien qarib.

**2. L-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari għamel ukoll proposti komprensivi dwar it-tisħiħ tal-istituzzjoni tal-Ombudsman f'Malta.**

Dawn il-proposti nġabru f'pubblikazzjoni ippubblikata f'Jannar 2014 u saru bħala riżultat tat-talba tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali. Dan bħala parti mit-twettieq tal-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista li fil-Kapitlu 17 iddikjara *"Insaħħu l-Uffiċċju tal-Ombudsman b'aktar riżorsi u għodda biex intejbu l-operat ta' din l-istituzzjoni importanti"*. Sa llum ftit li xejn kien hemm reazzjoni għal dan id-dokument li tqassam lill-Membri Parlamentari kollha. Wieħed jifhem li meta jasal il-waqt tal-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern f'dan ir-rigward, dan id-dokument jirriżulta li jkun ta' xi utilità.

**3. L-Ombudsman flimkien mal-Awditur Ġenerali u l-Uffiċjal Elettorali Ewlieni kien għal diversi xhur impenjat fuq il-preparazzjoni ta' Rapport fuq inkarigu tal-Onorevoli Prim Ministru dwar mekkaniżmu biex tiġi stabbilità r-rimunerazzjoni dovuta lill-persuni li jokkupaw karigi f'uffiċċji politiċi.**

F'dan ir-rapport, li involva konsultazzjoni mal-partijiet interessati, xhur tal-laqgħat u riċerka estensiva, tlesta f'Diċembru tas-sena l-oħra u ġie ippreżentat lill-Onorevoli Prim Ministru fl-aħħar jum ta' dik is-sena. Rapport li ukoll sar bi twettieq ta' proposta speċifika fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista.

**4. Proposta biex jitwaqqaf f'Malta Istitut Internazzjonali dwar il-Liġi tal-Ombudsman fil-kuntest tad-dritt fundamentali tal-individwu għall-amministrazzjoni pubblika tajba.**

Il-proposta għal dan il-proġett ġiet ippreżentata fil-laqgħa annwali tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran li saret f'Tirana, l-Albanija u ġiet milqugħa tajjeb ferm, sal-punt li saret riżoluzzjoni unanima tad-delegati li taw appoġġ, sostenn u inkuraġġiment

lill-proġett. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropeja u tal-Kummissjoni ta' Venezja għad-Demokrazija permezz tal-Liġi li kienu preżenti, urew interess kbir fil-proposta u pubblikament iddikjaraw li kienu lesti jirrakkomandaw l-għoti ta' għajnuna finanzjarja biex jgħinu ħalli inizjalment il-proġett ikun vijabbli u sostenibbli. Hu maħsub li l-Istitut ikun taħt il-patronaġġ u bl-involviment attiv tal-Gvern ta' Malta u l-Università ta' Malta. L-Ombudsman għamel l-ewwel kuntatti biex jesplora l-interess *da parti* tagħhom, għaliex dan hu essenzjali biex il-proġett jiġi realizzat fuq livelli għolja li Istitut internazzjonali ta' din ix-xorta jeħtieġ li jilħaq. L-Ombudsman qed jistenna reazzjoni uffiċjali għal din il-proposta.

Il-pubblikazzjonijiet imsemmija, apparti t-tielet waħda, huma pubblikati u aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Ombudsman www.ombudsman.org.mt

*"Matul ix-xhur li għaddew l-Ombudsman kien impenjat f'diversi inizjattivi oħra li wasslu għall-proposti konkreti li ġew sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Awtoritajiet kompetenti."*

# Nota tal-aħħar

L-Ombudsman sodisfatt li l-Uffiċċju tiegħu igawdi grad għoli ta' fiduċja fil-pajjiż. Ix-xogħol tiegħu hu apprezzat għall-imparzjalità, kompetenza u serjetà li biha jiġu investigati l-ilmenti li jirċievi. Hu jwettaq ix-xogħol tiegħu mhux biss bid-dedikazzjoni tal-istaff kollu imma ukoll bil-kooperazzjoni li ġeneralment isib mid-Dipartimenti tal-Gvern u l-awtoritajiet pubbliċi.

L-Ombudsman qeda u ser ikompli jaqdi d-doveri tiegħu *nonostante* kampanja ta' kritika inġusta li saret fil-konfront tiegħu f'dawn l-aħħar xhur f'sezzjoni tal-istampa. L-Ombudsman jaċċetta kritika oġġettiva tal-amministrazzjoni tiegħu u allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet jew irregolaritajiet, jiġu kif dejjem ġew, indagati u passi meħtieġa meħuda. L-Ombudsman joġġezzjona però bil-qawwa għall-insinwazzjonijiet ta' *bias* u preġudizzju politiku, jew xorta oħra, li jimminaw il-fiduċja tal-poplu f'din l-Istituzzjoni.

Insinwazzjonijiet bla bażi ta' din ix-xorta jagħmlu ħsara kbira lil Istituzzjoni, li hi garanti tad-dritt tal-poplu għal amministrazzjoni pubblika tajba u li għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha b'imparzjalità assoluta. L-allegazzjonijiet li saru huma għal kollox kundannabbli u min jippermettihom għandu jerfa' r-responsabbiltà ta' għemilu.

L-Ombudmsan ċert illi dawn is-sentimenti huma kondiviżi mill-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati.

# It-tisħiħ fl-Operat Amministrattiv

# It-tisħiħ fl-operat amministrattiv

Wara li l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari kien ilu jiffunzjona għal aktar minn ħmistax-il sena, inħasset il-ħtieġa li jsir studju tal-andament tal-operat tal-Uffiċċju biex jiġi assigurat illi l-proċeduri investigattivi tal-ilmenti jiġu mtejjba u aġġornati mal-bżonnijiet tal-mument. Dan l-eżerċizzju sar mid-ditta *PricewaterhouseCoopers* u tlesta fl-aħħar ta' Ottubru 2012. Kopja sħiħa ta' dan ir-rapport tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra wara Mistoqsija Parlamentari mill-Onorevoli Karmenu Abela.

Wara diskussjoni interna, ittieħdet id-deċiżjoni li l-parti l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet kellhom jintlaqgħu u għalhekk wara konsultazzjoni wiesgħa ma' dawk kollha involuti bdiet titħejja it-triq għal implementazzjoni. L-implementazzjoni fit-tibdil fil-prattiċi amministrattivi imsejjsa fuq dan ir-rapport bdiet titwettaq f'Mejju tas-sena 2013 u kompliet matul is-sena 2014.

Ir-rapport identifika n-nuqqasijiet fl-operat amministrattiv ta' kuljum u fl-amministrazzjoni tar-riżorsi umani. Kien indikat ukoll kif setgħu jiġu mtejjba l-proċessi u l-proċeduri fl-operat tal-Uffiċċju. Ir-rapport qies ukoll il-bżonn ta' titjib fil-kommunikazzjoni kemm interna u dik esterna.

# Ir-Ristrutturar – Proċessi Amministrattivi

Kif suġġerit fir-rapport, il-pożizzjoni ta' *Manager, Corporate Affairs* kellha tiġi abolita u minflok jinħolqu l-postijiet ta' Direttur Ġenerali u Uffiċjal għar-Riċerka u l-Komunikazzjoni. Dan sabiex tissaħħaħ l-istruttura eżekuttiva, il-bżonn ta' riferiment fl-immaniġġjar tal-Uffiċċju u l-ħtieġa li jkun hemm tisħiħ fil-komunikazzjoni biex l-operat tiegħu jsir aktar effiċjenti u biex jikber l-għarfien fost il-pubbliku dwar is-servizzi li jipprovdi l-Ombudsman.

F'Mejju 2013, wara sejħa pubblika, inħatar Direttur Ġenerali, responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-operat tal-missjoni li għandu l-Uffiċċju, l-amministrazzjoni ta' kuljum, ir-riżorsi umani u l-finanzi. Din il-pożizzjoni sservi bħala punt ta' referenza u ta' direzzjoni fil-qafas amministrattiv intern.

L-effett pożittiv ta' din il-ħatra nħass immedjatament malli t-tibdil fil-proċessi proċedurali u s-sistemi interni bdew jiġu mwettqa fosthom:

i) Sar ristrutturar fis-servizzi tas-segretarjat. Ġew modifikati l-proċessi u d-delegazzjoni tax-xogħol li jiżguraw li d-doveri jinqasmu bejn il-membri tas-segretarjat b'aktar effiċjenza u b'hekk ġie eliminat kull xogħol b'lura li kien hemm. Ġiet appuntata Kap tas-Segretarjat biex jiġi assigurat li s-sezzjoni tibqa' taqdi l-funzjonijiet tagħha b'mod effiċjenti.

ii) Sar tisħiħ tat-taqsima finanzjarja u ta' kontrolli interni li kienu dgħajfa u ġie mtejjeb is-*software* finanzjarju li jippermetti rapporti finanzjarji aħjar u aktar effettivi.

iii) Sar tisħiħ fil-proċeduri amministrattivi u ġiet appuntata Amministratur bil-funzjoni li tiżgura li l-proċeduri amministrattivi jiġu segwiti mill-uffiċjali kollha u ngħatat fost doveri oħra dik li tkun l-assistenta personali tal-Ombudsman.

iv) Twaqqfet is-sezzjoni tar-riżorsi umani u ġew organizzati l-*files* personali, tfasslu d-deskrizzjonijiet ta' kull pożizzjoni li issa ġew jirriflettu verament ix-xogħol ta' l-uffiċjali, ġew allinjati l-gradi kollha u tfasslet ċart organiżżativa (Paġna 38).

v) Saret riorganizzazzjoni tal-ħinijiet tal-Uffiċċju u ddaħlet sistema taż-żamma tal-ħin b'mod elettroniku *(face recognition)* biex b'hekk issaħħew il-kontrolli fuq l-attendenza waqt li nżammet il-flessibilità fil-ħinijiet li hi tant importanti biex l-impjegati jlaħħqu ukoll mar-responsabbiltajiet familjari.

vi) Iddaħħlet *policy* ġdida ta' irtirar mix-xogħol minħabba l-età li tippermetti li, waqt li tirregola l-età massima tal-irtirar, tinżamm ċerta flessibilità li tagħti possibbiltà li l-Uffiċċju jibqa' jagħmel użu tajjeb mill-esperjenza miksuba mill-uffiċjali.

vii) Saret reviżjoni fis-*software* tal-*Case Management* u twettqu l-modifiki neċessarji biex dan jaqdi aħjar il-funzjonijiet tal-Uffiċċju anke biex ikopri l-każijiet tal-Kummissarji kollha.

viii) Sar ristrutturar fis-sezzjoni investigattiva. Ġiet appuntata Kap tal-Investigazzjonijiet bil-funzjoni li tagħmel monitoraġġ tal-operat tal-investigazzjoni tal-*Unit*. Inħatar investigatur ġdid minflok ieħor li irriżenja biex isegwi karriera akkademika.

ix) Ġie mwaqqaf *reception desk* professjonali li jservi aħjar bħala l-ewwel kuntatt mal-pubbliku u joffri akkoljenza u assistenza aħjar.

x) Ġie rivedut il-mod kif tinġabar id-*data* dwar l-ilmenti tal-pubbliku u *enquiries* li jkunu saru mal-Uffiċċju issa li r-*reception desk* huwa attrezzat biex jaqdi din il-funzjoni.

xi) Ġiet re-organiżżata s-sistema ta' reġistrazzjoni tal-movimenti tal-*files* fuq bażi ta' *registry* professjonali u sar elenkar tal-kotba u pubblikazzjonijiet bi tħejjija għat-twaqqif ta' librerija.

# Ir-Ristrutturar – Riċerka u Kommunikazzjoni

F'Settembru 2013 inħatar Uffiċjal għar-Riċerka u l-Kommunikazzjoni wara sejħa pubblika. F'dan ir-rigward sar progress sostanzjali fil-livell ta' kommunikazzjoni kemm mal-pubbliku kif ukoll mal-*media* kif ukoll saret qabża fil-kwalità tal-materjal informattiv li l-Uffiċċju jippublika. L-attivitajiet li twettqu matul dan il-perjodu qasir jinkludu:

i) Riċerka, kitba u produzzjoni tar-Rapport Annwali 2012, li kien jinkludi għall-ewwel darba rendikont tal-ħidma li l-Kummissarji wettqu fl-ewwel xhur tagħhom fil-kariga;

ii) Riċerka, kitba u produzzjoni tal-*Case Notes* 2012, li fih kien jinkludi ġabra ta' każijiet fil-qosor li jkopru wkoll każijiet investigati mill-Kummissarji. Għall-ewwel darba din il-pubblikazzjoni saret kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

iii) Riċerka u produzzjoni ta' proposta mressqa lill-Gvern dwar it-twaqqif tal-NHRI f'Malta;

iv) Tfassil ta' programm ta' *Outreach* bil-għan li l-pubbliku jkollu aktar għarfien tar-rwol tal-Uffiċċju. L-ewwel pass f'dan il-programm kien li tiġi żviluppata *website* ġdida biex isservi ta' pjattaforma għal dan il-programm. It-tieni pass kien li tiġi msaħħa r-relazzjoni mal-*media* u l-Uffiċċju jkun iktar viżibli fil-*media*. It-tielet pass hu li l-Uffiċċju jilħaq aktar nies permezz tas-*social media*, il-mezzi tax-xandir tradizzjonali u b'materjal informattiv mqassam f'diversi postijiet fejn jaċċessa l-pubbliku;

v) Websajt kompletament ġdida mhux biss fid-dehra imma wkoll b'kontenut ġdid u faċilitajiet ġodda għall-pubbliku fosthom il-possibilità li jsegwu l-*istatus* tal-ilment tagħhom, li jiskedaw appuntament mal-uffiċjali u l-faċilità li jissottomettu kummenti u informazzjoni fuq ilment diġà miftuħ;

vi) Riċerka, kitba u produzzjoni ta' materjal informattiv ġdid bil-Malti u l-Ingliż, inkluż il-materjal li jirrigwarda l-kummissarji speċjalizzati, għaliex inħasset il-ħtieġa illi dak li jeżisti għandu bżonn jinbidel jew jiġi aġġornat;

vii) Riċerka u produzzjoni ta' dokument bi proposta lill-Gvern dwar it-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Ombudsman;

viii) Riċerka, produzzjoni u disinn ta' dokument ta' proposta biex jitwaqqaf f'Malta, *International Ombudsman Law Institute*; u

ix) Saret kumpilazzjoni ta' lista ta' *liaision officers* segwita minn kuntatti ma' dawn l-uffiċjali biex finalment saru laqgħat ta' informazzjoni biex b'hekk issa ssaħħet ir-relazzjoni tal-Uffiċċju ma' dawn l-uffiċjali. Din il-lista qegħda dejjem tiġi aġġornata biex tirrifletti t-tibdil li jsir fil-Ministeri.

# Ċart Organizzattiva



# Rendikont Finanzjarju 2014/2015

# Tagħrif fil-qosor dwar l-andament għas-sena 2014

It-talba għall-allokazzjoni finanzjarja għall-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari għas-sena 2014 kienet tlaħħaq is-somma ta' € 1,021,300 kif jidher f'Tabella 5. Dan l-ammont kien magħmul mis-segwenti kapi ta' spejjeż:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Salarji u emolumenti personali | € 700,000 |
| ii) | Spejjeż ta' operat u manutenzjoni | € 151,300 |
| iii) | Spiża kapitali | € 170,000 |

Din is-somma ġiet sussegwentement approvata fil-11 ta' Marzu 2014 f'seduta tal-*House Business Committee.*

L-allokazzjoni effettiva mill-Ministeru tal-Finanzi fil-bidu tas-sena 2014 kienet ta' € 850,000 kif jidher fl-estimi għal dik is-sena. Fit-12 ta' Diċembru 2013 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministeru tal-Finanzi għal żieda ta' € 517,000 fl-allokazzjoni finanzjarja biex tkopri l-ispejjeż kapitali. Din it-talba ġiet parzjalment milqugħa fl-10 ta' Marzu 2014 fejn is-somma ta' € 400,000 ġiet mgħoddija mill-Ministeru tal-Finanzi.

# Tagħrif ieħor relatat man-nefqa għas-sena 2014

Il-proġett ta' alterazzjoni u rikondizzjonament tal-bini fi 12, Triq San Pawl, il-Belt Valletta beda f'Marzu 2013 b'xogħlijiet ta' preparamenti, tneħħija u żarmar ta' servizzi antiki u installazzjonijiet - xogħlijiet li setgħu jitlestew sakemm jinħareġ il-permess tal-MEPA. Sussegwentement il-permess ħareġ fit-2 ta' Diċembru 2013 u x-xogħolijiet strutturali bdew lejn l-aħħar ta' Jannar 2014 u mistennija li jibqgħu għaddejjin matul is-sena 2014.

Hekk issa x-xogħol mexa ġmielu, wieħed jista' jagħti stampa aktar ċara tal-ispiża kapitali. Din l-ispiża tista' tiġi ikklassifikata taħt dawn il-kapi:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Xogħol Strutturali u Alterazzjonijiet | €581,732 |
| ii) | Installazzjonijiet mekkaniċi u elettriċità | €340,468 |
| *iii)* | *Elevator* għal ħames sulari | € 39,000 |

L-ispiża kapitali fuq dan ix-xogħol għalhekk mistennija titla' għas-somma ta' € 961,200 minn dik oriġinali ta' €650,000. Din l-avarija fl-ispiża finali hija dovuta primarjament għal dawn il-fatturi:

i) Billi l-faċċata tal-ġenb ta' Kastilja qegħda tiġi restawrata ġie jagħmel aktar sens li l-faċċata tal-Uffiċċju tal-Ombudsman tiġi ukoll restawrata. B'hekk jiġi ukoll rispettat il-valur storiku tal-binja filwaqt li tingħata aktar konformità lill-faċċata kompleta. Dan ix-xogħol ma' kienx inkluż fil-pjanijiet oriġinali u jirriżulta li huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-varjazzjoni.

ii) Waqt ix-xogħlijiet ġew mikxufa xi strutturi ta' travi tal-injam li kienu ċertifikati bħala perikolużi. Sular minnhom li jagħti fuq l-uffiċini tal-OPM *Information Management Unit* (IMU) kellu travi tal-injam imsejjsa fuq travu tal-ħadid. Il-parir tal-Periti kien li għandhom jinbidlu dawn it-travi waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet speċjalment meta l-Uffiċċju tal-IMU offra li jirreloka ruħu waqt dawn ix-xogħlijiet. L-ispiża ta' dawn ix-xogħlijiet kollha ġiet iffinanzjata mill-ispiża tal-proġett.

iii) Il-miżuri rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-użu tal-enerġija effiċjenti fi propjetajiet pubbliċi *(Energy Performance Certification)* dalwaqt jidħlu fis-seħħ. Għalhekk kien jagħmel sens biex jiġu inklużi dawk il-miżuri kollha possibbli biex jiġi żgurat li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun konformi ma' dawn il-mezzi ta' enerġija aktar effiċjenti. Dawn jinkludu pannelli voltajiċi, insulazzjonijiet u aperturi insulati.

Huwa stmat li l-ammont ta' € 786,200 mit-total tal-ispiża kapitali kollha ta' €961,200 tintefaq fis-sena 2014 fl-eqqel tax-xogħlijiet. Il-kumplament li jikkonsisti f'xogħol ta' *finishing*, li hu stmat li jlaħħaq €175,000, jitħallas fl-2015.

Ix-xogħlijiet strutturali ġew fdati f'idejn id-ditta AX Holdings wara sejħa pubblika għall-*tenders.* Ix-xogħlijiet għas-servizzi qed jiġu mogħtija mid-ditta Titan Limited ukoll wara sejħa pubblika għall-*tenders*. Il-perit inkarigat huwa Nicholas Mallia u s-Sur Gordon Fitz, *Finance Manger* fl-Uffiċċju ġie inkarigat biex isegwi l-eżekuzzjoni tal-proġett u jassigura li l-kuntratti jiġu korrettament segwiti. Jiġi rikonoxxut li dan hu xogħol impenjattiv li jirrikjedi konsultazzjoni kontinwa mal-periti, *foreman* u ħaddiema.

## Tagħrif dwar il-finanzi meħtieġa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari fl-2015

| Details | Approved Allocation for 2014 € | Requested Allocation for 2015 € |
|---|---|---|
| Salaries | 554,300 | 579,451 |
| Bonus | 6,000 | 4,993 |
| Income Supplements | 5,300 | 4,490 |
| Social Security Contributions | 26,000 | 29,152 |
| Allowances | 108,400 | 158,679 |
| **Total Personal Emoluments** | **700,000** | **776,766** |
| **Operational & Maintenance Expenses** | | |
| Utilities | 25,000 | 25,000 |
| Materials and Supplies | 6,600 | 8,000 |
| Repair and Upkeep | 7,000 | 10,000 |
| Rent | 5,500 | 7,000 |
| International Membership | 2,000 | 2,000 |
| Office Services | 9,000 | 14,000 |
| Transport | 13,000 | 13,000 |
| Travel | 12,000 | 12,000 |
| Information Services | 17,000 | 15,000 |
| Contractual Services | 45,000 | 45,000 |
| Professional Services | 4,400 | 5,000 |
| Training | 2,100 | 2,500 |
| Hospitality | 2,000 | 2,000 |
| Outreach Programmes | - | 20,000 |
| Incidental Expenses | 700 | 700 |
| **Total Operational and Maintenance Expenses** | **151,300** | **181,200** |
| **Special Expenditure** | | |
| Improvements to property | 150,000 | 175,000 |
| Equipment | 20,000 | 30,000 |
| Conference - AOM | - | 30,000 |
| **Total Special Expeniture** | 170,000 | 235,000 |
| **Total** | **1,021,300** | **1,192,966** |

# L-Iżvilupp Strutturali

# L-Iżvilupp strutturali

Wara li fl-2010, l-Att dwar l-Ombudsman ġie emendat sabiex jipprovdi għall-ħatra ta' Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi f'oqsma speċjalizzati tal-amministrazzjoni pubblika, fl-2012 inħatru żewġ Kummissarji ġodda, li ġew integrati b'mod sħiħ fl-istruttura eżistenti tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Dan apparti li bħala parti mill-Uffiċċju tal-Ombudsman kien hemm ukoll diġà integrat l-Ombudsman tal-Università li fil-bidu tal-2014 sar Kummissarju għall-Edukazzjoni. Dan it-tibdil ħoloq sfidi u esiġenzi strutturali mhux żgħar. Il-ħtieġa ta' aktar spazju, fil-fond eżistenti fi 11, Triq San Pawl li kien pjuttost diġà ristrett, bdiet tinħass. Dan il-bini li ilu jintuża mill-Uffiċċju tal-Ombudsman sa mit-twaqqif tiegħu fl-1995, kien ukoll jinħtieġ li jiġi rinnovat.

Fis-sena 2011, sabiex il-problema ta' spazju u nuqqas ta' faċilitajiet li għandha bżonn din l-Istituzzjoni tittaffa, l-Amministrazzjoni preċedenti offriet l-kumplament tas-sulari fil-binja eżistenti kif ukoll il-binja 12, Triq San Pawl li kien għadha kif tbattlet u li tinsab bieb ma' bieb mal-Uffiċċju eżistenti. Kien jinħtieġ xogħol strutturali konsiderevoli sabiex dawn il-binjiet jiġu integrati flimkien u jsiru binja waħda adatta biex tilħaq l-għanijiet u bżonnijiet tal-Istituzzjoni.

Dan l-ispazju addizzjonali għadda għand l-Uffiċċju tal-Ombudsman, fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju 2012. Immedjatament beda jsir xogħol biex jiġi mniffed il-bini biex f'parti minnu temporanjament jintuża bħala uffiċċji għall-Kummissarji l-ġodda, dak għall-Ambjent u l-Ippjanar u dak għas-Saħħa li ngħataw il-ħatra fix-xahar ta' wara. Wieħed ukoll għandu jqis li waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet strutturali, l-Uffiċċju kellu jibqa' jaqdi minn jum għall-ieħor il-funzjonijiet kollha tiegħu.

L-għan aħħari ta' dan il-proġett hu li, wara li jitlesta, iservi ta' *one-stop shop* u ta' riferenza ċentrali li fih iċ-ċittadin ikun jista' jirrikorri f'każ li jħossu aggravat b'azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjonijiet mill-Amministrazzjoni Pubblika. L-uffiċċji l-ġodda, apparti li jkunu adatti biex jaqdu l-funzjonijiet tal-Istituzzjoni għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd u jilħqu l-i*standards* meħtieġa ta' uffiċċji moderni u mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tiffaċilità l-operat.

Waqt it-tfassil u l-ippjanar tal-uffiċċji l-ġodda, ġie maħsub illi minbarra li l-bini jkun akkoljenti b'ambjent modern li jilqa' lil min ikollu bżonn juża s-servizzi tal-Uffiċċju, il-bini jkollu ukoll ħtiġijet bażiċi li sal-lum l-Uffiċċju ma għandux. Dawn ser jinkludu, post adegwat fejn jintlaqa' l-pubbliku, *boardroom*, spazju għall-librerija, kamra li tista' tintuża għal-laqgħat ta' taħriġ u informazzjoni u faċilitajiet għall-*video-conferencing*.

Il-bini qed isir ukoll bil-ħsieb li l-iżvilupp ikun jippermetti li jkun hemm espansjoni fl-attivitajiet tal-Uffiċċju. Hekk per eżempju jekk il-proposta tal-Ombudsman Parlamentari għat-twaqqif tal-Istitut Internazzjonali tal-Liġi tal-Ombudsman (IOLI) tintlaqa' dan ikun jista' jiġi akkomodat f'din il-binja. Għalhekk qed jinħolqu spazji li jkunu jistgħu jintużaw għall-*Lecture rooms*, uffiċċji amministrattivi, u faċilitajiet oħra li l-Istitut ikollu bżonn mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet infrastrutturali oħra.

# L-Andament tal-proġett

Kien maħsub li l-permessi neċessarji tal-MEPA jinħarġu lejn Marzu 2013, iżda minħabba xi emendi mitluba mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b' Diżabilità (KNPD), li kellhom ikunu inkorporati fil-proġett, kellhom jiġu riveduti l-pjanti. Ġiet modifikata l-entratura prinċipali sabiex din tkun aktar aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Waqt dan il-perjodu ta' stennija saru xogħlijiet ta' tneħħija ta' xi servizzi u madum li setgħu jsiru skont il-permessi.

Il-permessi biex jibdew ix-xogħlijiet strutturali nħarġu f'Diċembru 2013 u x-xogħlijiet inbdew immedjatament wara, f'Jannar 2014. Fl-ewwel lok kellhom jinbidlu xi soqfa, xorok u travi antiki fil-fond ta' taħt l-Uffiċċju fejn bħalissa hemm ibbażati l-*Information Management Unit* (IMU) tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Waqt dan ix-xogħol infrastrutturali, l-Uffiċċju baqa' għaddej jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Din ma kinitx sfida żgħira. L-Uffiċċju sab il-kooperazzjoni tal-ħaddiema kollha li fix-xhur li għaddew kienu u, sakemm jitlesta dan il-proġett se jkunu, qed jaħdmu b'inkonvenjent li jġib miegħu kull xogħol kbir ta' kostruzzjoni. Biex l-inkonvenjent jitnaqqas kemm jista' jkun, l-ewwel li tlesta kien il-ħames sular fejn saru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni, sar il-*finishing works* kollu u l-konnessjonijiet tas-servizzi kollha tal-kommunikazzjoni sabiex parti mill-amministrazzjoni setgħet tibda taħdem minn dan is-sular temporanjament. B'hekk seta' jibda jsir it-twaqqigħ ta' ħitan biex jitniffdu l-binjiet fis-sulari li issa huma battala.

Ix-xogħlijiet strutturali tkomplew fil-fond 12, Triq San Pawl u sal-aħħar ta' Settembru hu mistenni li jitlestew ix-xogħolijiet ta' bini ta' żewġ sulari ġodda f'din il-parti. F'sular minnhom għandhom jitlestew il-*finishes* u jitqabbdu s-servizzi tal-mezzi ta' komunikazzjoni biex finalment f'dak is-sular, jiġu akkomodati b'mod permanenti is-servizzi investigattivi u l-amministrazzjoni.

Xogħol strutturali ieħor jinvolvi t-tniffid taż-żewg fondi fuq kull livell u t-twessiegħ tal-entratura tal-*lift* f'kull sular. Eventwalment hu ippjanat li l-*lift* preżenti li għamel żmienu jiġi żarmat u jiġi installat *lift* ġdid li jkun jipprovdi aċċess aħjar għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti. Dawn ix-xogħlijiet mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Settembru.

Wara li isir it-tniffid fl-ewwel sular, jiġu mibnija t-turġien u jiġu mwaħħla *chair lifts*, ikun imiss il-*finishing works* u tqegħid tas-servizzi tal-mezzi ta' kommunikazzjoni biex l-Ombudsman, il-Kummissarji u s-segretarjat ikunu jistgħu jiġu akkomodati b'mod permanenti fuq dan il-livell. Dan ix-xogħol mistenni jitlesta lejn l-aħħar ta' Settembru. B'hekk it-taqsimiet kollha għandhom ikunu akkomodati f'posthom b'mod permanenti l-aktar tard sa Ottubru.

Barra x-xogħlijiet strutturali, l-proġett jinkludi aspetti ta' restawr. Dawn jinkludu r-restawr tat-twieqi, gallariji u l-bitħa interna. Fil-fond 12, Triq San Pawl hu maħsub li jsir xogħol biex jerġa' jingħata lura l-aspett u l-karattru oriġinali ta' din il-binja billi jiġu mneħħija

alterazzjonijiet relattivament moderni. Il-*finishing* intern waqt li jeħtieġ li jkun attraenti u funzjonabbli irid jirrispetta l-istil arkitettoniku u ż-żmien li fih inbena l-fond. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi restawrata l-faċċata. Wieħed jittama li f'dan ir-rigward l-Uffiċċju jsib l-appoġġ u l-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Waqt dan il-proġett qed jittieħdu l-miżuri kollha possibbli għal użu effiċjenti ta' l-enerġija u għall-osservanza tal-provvedimenti fil-liġi li dalwaqt jidħlu fis-seħħ. Meta jitlesta l-proġett se jkun mgħammar b'aperturi insulati, pannelli fotovoltajiċi u insulazzjoni kontra s-sħana.

Qed isir kull sforz biex it-twettiq tal-proġett jinżamm kemm jista' jkun fil-parametri tal-istimi magħmula. Salv l-imprevist, qed isir kull sforz biex dan jiġi assigurat. Il-prinċipju addottat mill-Ombudsman hu li, fil-proġett ta' dan il-kobor wieħed għandu dejjem ifittex li jesegwixxi x-xogħlijiet bit-triq tan-nofs kemm fl-istimi kif ukoll fin-nefqa attwali. Waqt li għandu jiġi evitat li jsiru spejjeż żejda u ta' lussu, wieħed jifhem li dan hu proġett li qed isir darba u allura jeħtieġ li jsir sew b'ħarsa fit-tul. In-nefqa kapitali tal-proġett qed issir bl-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi u eventwalment suġġetta għall-verifika tal-Awditur Ġenerali. Tajjeb jingħad li l-Uffiċċju tal-Ombudsman dejjem sab kooperazzjoni sħiħa mill-Ministeru tal-Finanzi li ta' l-approvazzjoni tiegħu għall-finanzjament mitlub anke meta dan għal raġuni valida, eċċeda l-istima.

# Statistika
# 2013/2014

# Statistika 2013/2014

Din il-parti tal-Ombudsplan titratta l-informazzjoni dwar l-ilmenti mressqa matul Jannar sa Awwissu 2014. Għal fini ta' tqabbil, qed tiġi wkoll ipprovduta l-istess informazzjoni għas-sena 2013. Din l-informazzjoni tinkludi, l-ilmenti kollha li irċieva l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarji speċjalizzati.

## Modi differenti ta' kif il-pubbliku jista' jressaq ilment

Hemm diversi modi ta' kif il-pubbliku jista' jressaq ilment lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Iċ-ċittadin jista' jirrikorri fl-ewwel lok l-Uffiċċju tal-Ombudsman u jiġi assistit mill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO). Din l-assistenza tvarja minn parir inizjali dwar l-ilment li jista' jkollu ċ-ċittadin, assistenza biex timtela' l-formola tal-ilment kif ukoll għajnuna mad-Dipartiment konċernat biex ilmenti jiġu riżolti mingħajr il-bżonn ta' ilment formali.

Persuna li jkollha ilment tista' ukoll timla' l-formola tal-ilment u tibgħata lill-Uffiċċju. Meta jsir hekk, wara li jiġi evalwat il-mertu tal-każ, jekk ikun hemm bżonn, isir appuntament ma' min ikun ressaq l-ilment. Minn din is-sena, permezz tal-websajt il-ġdida, il-possibilità liċ-ċittadin li jissottometti ilment *online* sar iktar faċli, sigur u effiċjenti. Bit-tibdil li sar fil-websajt, sar iktar faċli li tagħmel ilment u ssegwi l-proċess tal-ilment tiegħek *online*. Ta' min jinnota illi mit-tnedija tal-websajt f'Marzu 2014, daħlu 108 ilment permezz tal-websajt, dan jammonta għal 30% tal-ilmenti kollha li irċieva l-Uffiċċju tal-Ombudsman bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena. Dan juri kif l-faċilitajiet li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ipprovda lill-pubbliku ġew milqugħa tajjeb u qed jintużaw.

## Tabella 1 – Statistika ta' ilmenti ġodda, ilmenti li ngħalqu u ilmenti pendenti.

Din it-tabella turi kemm kienu l-ilmenti ġodda li daħlu, dawk li ngħalqu u dawk li għadhom pendenti. Din it-tabella tinkludi ukoll l-ilmenti tat-tlett Kummissarji speċjalizzati. Peress li l-Kummissarji tal-Ambjent u l-Ippjanar u dak tas-Saħħa, daħlu fil-kariga f'Awwissu tal-2012, din hija l-ewwel sena li jista' jsir dan it-tqabbil.

**Każijiet ġodda**

Bejn Jannar u Awwissu 2014, daħlu b'kollox 360 ilment, żieda ta' 7.5% fuq l-istess perjodu fl-2013. Dan juri li x-xejra ta' tnaqqis fl-ammont ta' każijiet li jidħlu twaqqfet u beda jkun hemm żieda. Minn 360 każ illi daħlu, 242 ilment ġew trattati mill-Ombudsman Parlamentari; 55 ilment mill-Kummissarju tas-Saħħa; 31 ilment mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar u 32 ilment mill-Kummissarju tal-Edukazzjoni, li t-terminu tiegħu beda fi Frar 2014.

**Każijiet li ngħalqu**

Tabella Nru 1 turi ukoll, il-każijiet li ngħalqu matul l-istess perjodu. Bejn Jannar u Awwissu 2014 ingħalqu b'kollox 323 każ, tnaqqis ta' 18% fuq l-istess perjodu fl-2013. Dan it-tnaqqis jista' jiġi attribwit għal diversi fatturi fosthom dewmien minn naħa ta' Dipartimenti biex l-Uffiċċju jingħata l-informazzjoni meħtieġa u każijiet li jkunu aktar komplessi u allura jkun jeħtieġ li l-investigazzjoni tidħol anke fil-proċeduri u prattiċi li jintużaw. Hija parti mill-missjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman illi mhux biss jinvestiga l-ilment li jasallu, imma ukoll jidħol fil-proċeduri u l-prattiċi u jagħti r-rakkomandazzjonijiet kif dawn jistgħu jitjiebu ħalli ilmenti simili ma jerġgħux jiġru.

Mit-323 il-każ li ngħalqu, 213-il każ ingħalqu mill-Ombudsman Parlamentari; 38 każ mill-Kummissarju għas-Saħħa; 39 każ mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar u 33 każ mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni li t-terminu tiegħu beda fi Frar 2014.

## Tabella 2 – Assistenza mgħotija lill-Pubbliku

L-Uffiċċju tal-Ombudsman matul iż-żmien beda jesperjenza żieda fin-nies li jirrikorru għandu għall-parir jew biex jingħataw assistenza għall-ilment li mhux bilfors ikun jinħtieġ li dwarhom jinfetaħ każ formali. Ikun hemm ċirkostanzi fejn kull ma jkun hemm bżonn hu assistenza u gwida dwar fejn għandhom jirrikorru bl-ilment tagħhom. Peress li minn din is-sena beda jinħass li hemm żieda fin-numru tal-persuni li jħossu li l-Uffiċċju tal-Ombudsman huwa punt ta' riferenza, bdiet tinżamm l-istatistika ta' dawn it-tip ta' ilmenti.

Bejn Jannar u Awwissu 2014, kien hemm 402 persuna li talbu assistenza mill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Minn dawn, 8 minnhom il-każ tagħhom ġie solvut mill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, mingħajr ma kien hemm il-ħtieġa li jinfetaħ ilment formali u 394 ingħataw parir jew assistenza dwar l-ilment tagħhom.

# Statistika

## Tabella 1 - Statistika ta' ilmenti ġodda, ilmenti li ngħalqu u ilmenti pendenti bejn Jannar/Awwissu 2013 u 2014

| | 2013 | | | 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 263 | | | 184 |
| Jannar - Marzu | 92 | 125 | 230 | 85 | 55 | 214 |
| April - Ġunju | 76 | 111 | 195 | 100 | 98 | 216 |
| Lulju - Awwissu | 57 | 51 | 201 | 57 | 60 | 217 |
| **Total** | **225** | **287** | | **242** | **213** | |
| **Ombudsman tal-Università** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 22 | - | - | - |
| Jannar - Marzu | 6 | 17 | 11 | - | - | - |
| April - Ġunju | 7 | 10 | 8 | - | - | - |
| Lulju - Awwissu | 9 | 6 | 11 | - | - | - |
| **Total** | **22** | **33** | | **-** | **-** | |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | - | - | - | | | 10* |
| Jannar - Marzu | - | - | - | 18 | 11 | 17 |
| April - Ġunju | - | - | - | 8 | 15 | 10 |
| Lulju - Awwissu | - | - | - | 6 | 7 | 9 |
| **Total** | | | | **32** | **33** | |

* L-każijiet pendenti għaddew lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni mill-Ombudsman tal-Università

| | 2013 | | | 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 24 | | | 19 |
| Jannar - Marzu | 11 | 14 | 21 | 23 | 13 | 29 |
| April - Ġunju | 20 | 11 | 30 | 26 | 16 | 39 |
| Lulju - Awwissu | 11 | 14 | 27 | 6 | 9 | 36 |
| **Total** | **42** | **39** | | **55** | **38** | |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 59 | | | 60 |
| Jannar - Marzu | 20 | 13 | 66 | 15 | 18 | 57 |
| April - Ġunju | 11 | 9 | 68 | 9 | 14 | 52 |
| Lulju - Awwissu | 15 | 14 | 69 | 7 | 7 | 52 |
| **Total** | **46** | **36** | | **31** | **39** | |
| **Total Globali** | | | | | | |
| **Perjodu** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** | **Każijiet li waslu** | **Każijiet li ngħalqu** | **Każijiet pendenti** |
| Jannar - Awwissu | **335** | **395** | | **360** | **323** | |

## Tabella 2 - Statistika ta' assistenza li ngħatat lill-pubbliku Jannar/Awwissu 2014

| Kategorija | Jannar - Awwissu 2014 |
|---|---|
| Ingħataw parir | 394 |
| Riżolt mill-PRO | 8 |
| **Total** | **402** |

# Tabella 3 – Klassifika ta' ilmenti ġodda

Tabella Nru 3 turi l-klassifika ta' ilmenti ġodda fl-ewwel tmien xhur ta' din is-sena. Din it-tabella tgħin biex jiġu identifikati x-xejriet tal-problemi u l-ilmenti li qed ikollu il-pubbliku.

**Ombudsman Parlamentari**

Mill-ilmenti l-ġodda trattati mill-Ombudsman Parlamentari, l-iktar ilmenti komuni kienu dawk l-ilmenti li fihom ikun allegat li l-azzjoni fil-konfront tagħhom kienet kontra l-liġi, jew ir-regoli, regolamenti u proċeduri fil-konfront tagħhom ġew applikati b'mod riġidu. Dan it-tip ta' ilmenti li jammontaw għal 28% tat-total tal-ilmenti trattati mill-Ombudsman Parlamentari, baqgħu fuq l-istess livell li kienu matul l-istess perjodu fl-2013.

Ta' min jinnota li din is-sena, il-persuni li ilmentaw dwar nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ naqqsu bi 11%. Minn naħa l-oħra kien hemm żieda fl-ilmenti li jirrigwardjaw nuqqas ta' trasparenza, b'żieda ta' 5% u żieda wkoll ta' 5% fl-ilmenti dwar dewmien żejjed u nuqqas ta' azzjoni.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

It-terminu tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni beda fi Frar tal-2014, wara li f'Novembru 2013 l-irwol ta' Ombudsman tal-Università ġie abbolit skont l-emendi li saru fl-Att dwar l-Ombudsman fl-2010.

L-akbar numru ta' ilmenti (40%) li tratta l-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dwar trattament mhux ġust jew diskriminatorju.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Mill-55 ilment li investiga l-Kummissarju għas-Saħħa, 41% tal-ilmenti kienu dwar kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa. Ta' min jinnota li f'dan il-qasam, kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-ilmenti ta' allegazzjonijiet ta' azzjonijiet li huma kontra l-liġi u applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri, li naqqsu minn 67% fl-2013 għal 12% fl-2014, tnaqqis ta' 55%.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

L-aktar ilmenti komuni li tratta l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar kienu dawk l-ilmenti fejn ikun hemm allegazzjoni ta' azzjoni li hija kontra l-liġi jew ta' applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri. Dawn kienu jammontaw għal 35% u kienu fuq l-istess livell tas-sena li għaddiet. F'dan is-settur, kien hemm tnaqqis ta' 13% fl-ilmenti dwar dewmien żejjed u nuqqas ta' azzjoni minn 39% fl-2013 għal 26% fl-2014. Kienet reġistrata żieda konsiderevoli ta' 11% fl-ilmenti dwar nuqqas biex tingħata l-informazzjoni minn 2% fl-2013 għall-13% fl-2014. Kien hemm ukoll żieda fl-ilmenti fejn saret allegazzjoni ta' diskriminazzjoni improprja, minn 9% fl-2013 għal 13% fl-2014.

## Tabella 3 - Klassifika ta' ilmenti ġodda bejn Jannar/Awwissu 2013 - 2014

| Kategorija | 2013 Jannar - Awwissu | | 2014 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 64 | 28% | 68 | 28% |
| Diskriminazzjoni improprja | 19 | 8% | 17 | 7% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 24 | 11% | 39 | 16% |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 17 | 8% | 23 | 10% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 39 | 17% | 53 | 22% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ | 62 | 28% | 42 | 17% |
| **Total** | **225** | **100%** | **242** | **100%** |
| **Ombudsman tal-Università** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | 5 | 23% | - | - |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | - | - | - | - |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | 1 | 5% | - | - |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju | 13 | 58% | - | - |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | 2 | 9% | - | - |
| Inizjattiva personali mill-Ombudsman tal-Università | 1 | 5% | - | - |
| **Total** | **22** | **100%** | **-** | **-** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | - | - | 6 | 19% |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | 2 | 6% |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | - | - | 4 | 13% |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | - | - | 2 | 6% |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju | - | - | 13 | 40% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | - | - | 4 | 13% |
| Inizjattiva personali mill-Kummissarju tal-Edukazzjoni | - | - | 1 | 3% |
| **Total** | **-** | **-** | **32** | **100%** |

| Kategorija | 2013 Jannar - Awwissu | | 2014 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 28 | 67% | 7 | 12% |
| Diskriminazzjoni improprja | 3 | 8% | 6 | 11% |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | - | - | 2 | 4% |
| Għajnuna medika u apparat | 2 | 5% | 1 | 2% |
| Attitudni tal-impjegati -<br>• Impjegati *nursing staff*<br>• Impjegati fl-amministrazzjoni<br>• Impjegati tobba | 1<br>1<br>1 | 2%<br>2%<br>2% | -<br>1<br>1 | -<br>2%<br>2% |
| Tkomplija ta' kura | - | - | 6 | 11% |
| Servizzi ta' akkomodazzjoni u ambjent fl-iSptar | - | - | 1 | 2% |
| Privatezza, dinjità u kunfidenzjalità tal-pazjent | - | - | 1 | 2% |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | - | - | 23 | 41% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffet-tiva/nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | 2 | 5% | 4 | 7% |
| Nuqqas ta' mediċini | - | - | 2 | 4% |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jigi eżaminat | 1 | 2% | - | - |
| Nuqqas ta' trasparenza | 2 | 5% | - | - |
| Ħwejjeġ oħra | 1 | 2% | - | - |
| **Total** | **42** | **100%** | **55** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 16 | 35% | 11 | 35% |
| Diskriminazzjoni improprja | 4 | 9% | 4 | 13% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew tit-wassal l-informazzjoni | 1 | 2% | 4 | 13% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjon | 18 | 39% | 8 | 26% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ | 7 | 15% | 4 | 13% |
| **Total** | **46** | **100%** | **31** | **100%** |
| **Totali Globali** | **335** | - | **360** | - |

# Tabella 4 – Klassifika ta' każijiet magħluqa

Din it-tabella turi l-każijiet magħluqa bejn Jannar u Awwissu 2014 kif ġew klassifikati. Din it-tabella tagħti spjegazzjoni dwar it-tip ta' konklużjonijiet li joħroġu mill-investigazzjoni.

Il-klassifika tal-każijiet tinqasam bejn dawk l-ilmenti li jiġu ġustifikati jew le, dawk li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni, dawk li ġew mogħtija parir jew għajnuna waqt l-investigazzjoni, dawk li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u dawk li jkunu trivjali jew li skadew biż-żmien.

**Ombudsman Parlamentari**

L-Ombudsman Parlamentati investiga 213 ilment li minnhom 4% kienu ġustifikati u l-persuna li ressqet l-ilment ingħatat raġun. Dawk li ma ngħatawx raġun, allura l-ilment tagħhom ma kienx ġustifikat ammontaw għal 12% tal-każi investigati.

Matul il-perjodu ta' bejn Jannar u Awwissu 2014, kien hemm 25% tal-każi li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni; 15% li ngħataw parir jew għajnuna wara li l-każ tagħhom beda jiġi investigat; 29% kienu ilmenti li l-Ombudsman ma setgħax jinvestiga minħabba li kienu barra l-ġurisdizzjoni tiegħu u 15% kienu dawk illi ma ġewx investigati minħabba li jew kienu trivjali jew it-terminu ta' sitt xhur minn meta seħħ l-ilment kien skada.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

Mill-ilmenti li kienu investigati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, 12% kienu ġustifikati mentri 40% ma kienux. Waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni, 24% tal-ilmenti ġew solvuti f'dan l-istadju u 15% ġew mogħtija parir jew għajnuna u b'hekk l-każ ingħalaq. Mill-każijiet investigati 6% biss kienu barra l-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni u 3% ma ġewx investigati minħabba li kienu trivjali jew l-ilment kien skada.

**Kummissarju għas-Saħħa**

Il-Kummissarju għas-Saħħa għalaq 11% tal-każijiet favur il-persuna li ressqet l-ilment u f'29% tal-każijiet li investiga l-ilment ma kienx ġustifikat. Ta' min jinnota li 42% tal-każi ġew solvuti waqt il-proċess ta' investigazzjoni u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ma kelliex għalfejn tkompli bl-ilment.  Kien hemm ukoll 11% tal-każijiet investigati li ġew mogħtija parir u assistenza waqt l-investigazzjoni u 7% li kienu barra l-ġurisdizzjoni u għalhekk l-Kummissarju ma setgħax ikompli bl-investigazzjoni.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

Mill-każijiet li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena, 18% tal-ilmenti kienu ġustifikati u għalhekk l-persuna li ressqet l-ilment ingħatat raġun; 26% ma kienux ġustifikati u għalhekk ma kienx hemm nuqqas mill-Entità, Awtorità jew Dipartiment li dwaru kien sar l-ilmenti.

Kien hemm ukoll, 26% tal-każijiet li ġew solvuti mill-Kummissjaru b'mod informali waqt l-investigazzjoni; 7% li ngħataw parir u 23% li kienu barra l-ġurisdizzjoni u għalhekk ma setgħux jiġu investigati.

## Tabella 4 - Klassifika ta' każijiet magħluqa bejn Jannar/Awwissu 2013 - 2014

| Kategorija | 2013 Jannar - Awwissu | | 2014 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>24<br>57 | <br>8%<br>20% | <br>9<br>25 | <br>4%<br>12% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 79 | 28% | 54 | 25% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 42 | 15% | 32 | 15% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 52 | 18% | 62 | 29% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 33 | 11% | 31 | 15% |
| **Total** | **287** | **100%** | **213** | **100%** |
| **Ombudsman tal-Università** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>4<br>11 | <br>12%<br>34% | <br>-<br>- | <br>-<br>- |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 7 | 21% | - | - |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 9 | 27% | - | - |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 1 | 3% | - | - |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 1 | 3% | - | - |
| **Total** | **33** | **100%** | **-** | **-** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>-<br>- | <br>-<br>- | <br>4<br>13 | <br>12%<br>40% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | - | - | 8 | 24% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | - | - | 5 | 15% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | - | - | 2 | 6% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | 1 | 3% |
| **Total** | **-** | **-** | **33** | **100%** |

| Kategorija | 2013<br>Jannar - Awwissu | | 2014<br>Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>4<br>17 | <br>10%<br>44% | <br>4<br>11 | <br>11%<br>29% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 12 | 31% | 16 | 42% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 6 | 15% | 4 | 11% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | - | - | 3 | 7% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | - | - |
| **Total** | **39** | **100%** | **38** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>5<br>4 | <br>14%<br>11% | <br>7<br>10 | <br>18%<br>26% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 13 | 36% | 10 | 26% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 4 | 11% | 3 | 7% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 10 | 28 | 9 | 23% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | - | - |
| **Total** | **36** | **100%** | **39** | **100%** |
| **Totali Globali** | **395** | | **323** | |

## Tabella 5 – Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa

Din it-tabella tagħti ħarsa lejn in-numru ta' ilmenti investigati fejn irriżulta li l-allegazzjoni dwar xi nuqqas minn naħa tal-Amministrazzjoni Pubblika kienet sostnuta.

**Ombudsman Parlamentari**

Fost l-akbar numru ta' każijiet li l-Ombudsman Parlamentari ta raġun, insibu dawk l-ilmenti fejn kien hemm dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li jammontaw għall-30% tal-każijiet, żieda ta' 4% mis-sena li għaddiet, b'hekk mit-tieni post fis-sena li għaddiet, din is-sena hija fl-ewwel post.

L-Ilmenti sostnuti fejn instab li kien hemm nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ naqqsu mis-sena ta' qabel, minn 28% fl-2013 għal 22% fl-2014, tnaqqis ta' 6%, b'hekk mill-ewwel kategorija s-sena li għaddiet, din is-sena tinsab fit-tieni post.

Kien hemm tnaqqis ukoll fil-każijiet dwar diskriminazzjoni improprja minn 7% fl-2013 għal 5% fl-2014 u ukoll fil-każijiet dwar nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni minn 12% fl-2013 għal 11% fl-2014. Mill-każijiet li kienu sostnuti minħabba nuqqas ta' trasparenza kien hemm żieda ta' 5%, minn 11% fl-2013 għall-16% fl-2014.

**Kummissarju għall-Edukazzjoni**

L-iktar każijiet komuni li kienu sostnuti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dawk dwar trattament mhux ġust jew diskriminatorju li kienu jammontaw għal 42%. Ilmenti sostnuti dwar immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku u dawk dwar nuqqas ta' tagħrif, kienu fl-istess livell bi 17%. L-ilmenti li kienu dwar promozzjoni u karigi miċħuda b'mod inġust kienu fl-istess livell bi 8% tal-każijiet.

**Kummissarju għas-Saħħa**

L-ilmenti li jinvestiga l-Kummissarji tas-Saħħa huma varji u għalhekk il-kategoriji stabbiliti huma aktar wiesgħa. F'dan il-qasam, l-iktar ilmenti sostnuti komuni kienu dawk dwar kwistjonijiet dwar ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa li ammontaw għal 35%, żieda konsiderevoli ta' 29% fuq is-sena 2013.

It-tieni l-akbar ammont ta' ilmenti kienu dawk li jitrattaw azzjonijiet li kienu kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri, naqqsu b'mod konsiderevoli minn 56% fl-2013 għal 15% fl-2014, tnaqqis ta' 41%.

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar**

Mill-ilmenti li ġew magħluqa u sostnuti mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, kienu dawk l-ilmenti dwar ksur ta' liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri u dawk dwar dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni li kienu l-aktar komuni, biż-żewġ kategoriji fl-istess livell ta' 41%. Dawn iż-żewġ kategoriji kellhom żieda mis-sena 2013 ta' 2% u 8% rispettivament.

Għal-ewwel darba il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar ta' raġun lill-persuni li ilmentaw fuq każijiet dwar diskriminazzjoni improprja. Din il-kategorija kienet tammonta għal 12% tal-każijiet sostnuti. Mill-banda l-oħra l-każijiet sostnuti dwar nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ baqgħu fl-istess livell tal-2013 b'6%.

## Tabella 5 - Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa f'kategoriji stabbiliti Jannar/Awwissu 2013 - 2014

| Kategorija | 2013 Jannar - Awwissu | | 2014 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 17 | 16% | 10 | 16% |
| Diskriminazzjoni improprja | 7 | 7% | 3 | 5% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 11 | 11% | 10 | 16% |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 12 | 12% | 7 | 11% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 27 | 26% | 19 | 30% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ | 29 | 28% | 14 | 22% |
| **Total** | **103** | **100%** | **63** | **100%** |
| **Ombudsman tal-Università** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | - | - | - | - |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | 2 | 18% | - | - |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | 2 | 18% | - | - |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju | 6 | 55% | - | - |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | 1 | 9% | - | - |
| Inizjattiva personali mill-Ombudsman tal-Università | - | - | - | - |
| **Total** | **11** | **100%** | **-** | **-** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | - | - | 2 | 17% |
| Ħtiġijiet speċjali ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | - | - | 1 | 8% |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | - | - | 1 | 8% |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju | - | - | 5 | 42% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | - | - | 2 | 17% |
| Inizjattiva personali mill-Kummissarju tal-Edukazzjoni | - | - | 1 | 8% |
| **Total** | **-** | **-** | **12** | **100%** |

| Kategorija | 2013 Jannar - Awwissu | | 2014 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 9 | 56% | 3 | 15% |
| Diskriminazzjoni improprja | 2 | 13% | - | - |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | - | - | 1 | 5% |
| Għajnuna medika u apparat | - | - | - | - |
| Attitudni tal-impjegati -<br>• Impjegati *nursing staff*<br>• Impjegati fl-amministrazzjoni<br>• Impjegati tobba | -<br>1<br>- | -<br>6%<br>- | -<br>1<br>1 | -<br>5%<br>5% |
| Tkomplija ta' kura | - | - | 1 | 5% |
| Servizzi ta' akkomodazzjoni u ambjent fl-iSptar | - | - | 1 | 5% |
| Privatezza, dinjità u kunfidenzjalità tal-pazjent | - | - | - | - |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | 1 | 6% | 7 | 35% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffettiva/nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | 1 | 6% | 2 | 10% |
| Nuqqas ta' mediċini | - | - | 2 | 10% |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jigi eżaminat | 2 | 13% | 1 | 5% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Ħwejjeġ oħra | - | - | - | - |
| **Total** | **16** | **100%** | **20** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 7 | 39% | 7 | 41% |
| Diskriminazzjoni improprja | - | - | 2 | 12% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 4 | 22% | - | - |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjon | 6 | 33% | 7 | 41% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ | 1 | 6% | 1 | 6% |
| **Total** | **18** | **100%** | **17** | **100%** |
| **Totali Globali** | **148** | - | **112** | - |

OMBUDSMAN

L-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari
11 Triq San Pawl
Valletta - VLT 1210
Tel: + 356 2248 3210
**Email:** office@ombudsman.org.mt

www.ombudsman.org.mt